IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.11.2017
COM(2017) 708 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Gwida dwar ċerti aspetti tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali**

{SWD(2017) 431 final} - {SWD(2017) 432 final}

MT MT

# I. INTRODUZZJONI

Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ("IPR") jipproteġu l-assi intanġibbli, u jippermettu li l-kreaturi, l-inventuri u l-artisti jagħmlu profitt mill-attivitajiet kreattivi u innovattivi tagħhom. L-assi intanġibbli jirrappreżentaw aktar minn nofs il-valur tal-kumpaniji, u l-importanza tagħhom qed tiżdied. F'dinja fejn il-kumpaniji tal-UE qed jikkompetu dejjem aktar fl-innovazzjoni, fil-kreattività u fil-kwalità, il-proprjetà intellettwali ("PI") hija għodda b'saħħitha għat-tkabbir tal-kompetittività tal-kumpaniji kollha, inklużi tal-intrapriżi żgħar u medji ("SMEs").

Id-Direttiva 2004/48/KE fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva" jew "IPRED") tipprevedi sett minimu iżda standard ta' miżuri, proċeduri u rimedji li jippermetti l-infurzar ċivili effettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. L-objettiv tal-IPRED huwa li ġġib is-sistemi leġiżlattivi nazzjonali eqreb lejn xulxin biex ikun żgurat livell għoli, ekwivalenti u omoġenju ta' protezzjoni fis-suq intern[2].

L-evalwazzjoni tad-Direttiva wriet li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati fl-IPRED għenu b'mod effettiv biex jiġu protetti aħjar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali madwar l-UE u jiġi indirizzat aħjar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-qrati ċivili. Id-Direttiva wasslet għall-ħolqien ta' qafas legali komuni li fih għandu jiġi applikat l-istess sett ta' għodod madwar l-Unjoni. F'dan ir-rigward, din laħqet l-objettiv ta' approssimazzjoni tas-sistemi leġiżlattivi tal-Istati Membri għall-infurzar ċivili tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[3].

Madankollu, il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati fid-Direttiva mhumiex implimentati u applikati b'mod uniformi bejn l-Istati Membri. Dan għaliex, peress li d-Direttiva tipprevedi armonizzazzjoni minima (jiġifieri l-Artikolu 2 jippermetti b'mod espliċitu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi mezzi li jkunu aktar favorevoli għad-detenturi tad-drittijiet), ma hemmx interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u hemm differenzi fil-proċedimenti tal-liġi ċivili nazzjonali u fit-tradizzjonijiet ġudizzjarji[4]. B'hekk, il-qafas legali tal-UE għall-infurzar ċivili tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jista' jibbenefika mill-kjarifika ta' ċerti aspetti tad-Direttiva biex ikunu hemm interpretazzjoni u applikazzjoni aktar konsistenti u effettivi.

Minkejja dan, huwa ċar ukoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-IPRED, anki jekk jiġi applikat kif xieraq, huwa limitat għar-regolamentazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji disponibbli għall-infurzar ċivili tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Għalhekk, l-IPRED ma tistax tindirizza l-isfidi kollha rrapportati mill-partijiet ikkonċernati matul l-evalwazzjoni tad-Direttiva[5], b'mod partikolari dawk li huma relatati b'mod aktar ġenerali mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali barra mill-kuntest ta' litigazzjoni, jew qabel din. Pereżempju, ċerti partijiet ikkonċernati jixtiequ kjarifika jew reviżjoni tar-regoli dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji, li hija primarjament

---

[1] Id-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45-86.

[2] Il-Premessa 10 tal-IPRED.

[3] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (CSWD) – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali SWD(2017) 431.

[4] B'mod partikolari, skont l-aktar konsultazzjoni riċenti dwar id-Direttiva (ir-riżultati huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/18661), filwaqt li l-maġġoranza ta' dawk li wieġbu ħassew li r-regoli eżistenti għenu b'mod effettiv sabiex tkun protetta l-PI u jiġi evitat ksur tal-PI, ħafna detenturi tad-drittijiet u b'mod partikolari l-intermedjarji jikkunsidraw li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti mid-Direttiva mhumiex applikati b'mod omoġenu fost l-Istati Membri.

[5] CSWD – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE; Anness II - Rapport sinottiku.

indirizzata fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku[6]. Il-Kummissjoni qieset il-feedback riċevut mingħand il-partijiet ikkonċernati dwar din il-kwistjoni, u filwaqt li ħadet impenn li żżomm ir-reġim attwali ta' responsabbiltà[7], f'inizjattiva riċenti, din ipprovdiet ukoll aktar ċarezza dwar ir-responsabbiltà tal-intermedjarji fid-detezzjoni u fit-tneħħija ta' kontenut online illegali (inkluż kontenut li jikser id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali)[8].

F'dan il-kuntest, u b'mod partikolari fuq il-bażi tal-feedback tal-partijiet ikkonċernati matul l-evalwazzjoni tal-IPRED, il-Kummissjoni ddeċidiet li toħroġ din il-gwida biex tiċċara l-fehmiet tagħha dwar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li dwarhom kien hemm interpretazzjonijiet li jvarjaw[9].

Din il-Komunikazzjoni ta' Gwida tagħmel parti minn pakkett komprensiv tal-PI. L-isfidi għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li ma jikkonċernawx l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet u l-mezzi possibbli biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi huma ppreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Sistema bbilanċjata ta' infurzar tal-Propjetà Intelletwali li twieġeb għall-isfidi tas-soċjetà tal-lum*" li wkoll tagħmel parti minn dak il-pakkett[10].

Il-fokus ta' din il-gwida huwa fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-IPRED:

- il-kamp ta' applikazzjoni (Artikoli 1 u 2)
- l-obbligu ġenerali (Artikolu 3)
- l-intitolament għall-applikazzjoni ta' miżuri, proċeduri u rimedji (Artikolu 4)
- il-preżunzjoni li persuna hija l-awtur jew is-sid (Artikolu 5)
- ir-regoli dwar il-kisba u l-preservazzjoni tal-evidenza (Artikoli 6 u 7)
- id-dritt għall-informazzjoni (Artikolu 8)
- il-mandati (Artikoli 9 u 11)
- il-miżuri korrettivi (Artikolu 10)
- il-kalkolu tad-danni (Artikolu 13) u
- l-ispejjeż legali (Artikolu 14)

L-objettiv ta' din il-gwida huwa li tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti u minn partijiet oħra involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fi proċedimenti quddiem dawk l-awtoritajiet. B'mod aktar speċifiku, dan id-dokument ta' gwida għandu l-għan li:
- isaħħaħ l-effiċjenza u l-effikaċja tal-qafas ta' infurzar ċivili tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (Taqsima II),
- jiżgura approċċ ibbilanċjat għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u għall-prevenzjoni tal-abbuż tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji stipulati fid-Direttiva (Taqsima III),
- jiżgura l-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż f'kuntest diġitali (Taqsima IV), u
- jiżgura d-dimensjoni tas-Suq Uniku tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (Taqsima V).

[6] L-Artikoli 12-15 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern, ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16.

[7] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *"Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali, Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa"* COM(2016) 288.

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Nindirizzaw il-kontenut illegali online – Lejn aktar responsabbiltà fir-rigward tal-pjattaformi online*" COM(2017) 555.

[9] Kif identifikati fl-SWD tal-Kummissjoni – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE.

[10] COM(2017) 707.

Filwaqt li l-gwida tqis il-fatt li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati fid-Direttiva huma disponibbli għall-utenti kollha tas-sistemi ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, din tagħti attenzjoni partikolari lejn il-mezzi li huma partikolarment importanti għall-SMEs. Pereżempju, din tqis ir-regoli dwar il-kalkolu tad-danni u r-rimborż tal-ispejjeż legali u l-mezzi għall-prevenzjoni tal-abbużi.

Il-fehmiet ippreżentati fil-gwida huma bbażati fuq deċiżjonijiet preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QtĠ") mindu ġiet adottata d-Direttiva, u fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-IPRED, inklużi konsultazzjonijiet pubbliċi, kif ukoll fuq l-aħjar prattiki identifikati fil-livell nazzjonali. Għalhekk, din il-gwida tgħaqqad l-interpretazzjoni legali awtorevoli mal-opinjonijiet tal-Kummissjoni li jistgħu jservu bħala ispirazzjoni għal dawk li jużaw il-gwida.

Dan id-dokument mhuwiex legalment vinkolanti, u l-gwida pprovduta ma taffettwax il-ġurisprudenza tal-QtĠ. Jenħtieġ li l-gwida tagħmilha eħfef biex tiġi interpretata u applikata l-IPRED u, b'dan il-mod, se tkun qed tinforma u tikkontribwixxi wkoll għall-politika ta' infurzar tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE.

## II. QAFAS TA' INFURZAR ĊIVILI TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI LI JKUN AKTAR EFFIĊJENTI U EFFETTIV

### 1. L-iżgurar ta' kumpens xieraq għall-preġudizzju mġarrab

L-ammont imprevedibbli tal-kumpens li għandu jingħata u l-probabbiltà baxxa li jinkiseb kumpens xieraq għad-danni mġarrba kienu wħud mir-raġunijiet ewlenin mogħtija biex jiġi spjegat għaliex id-detenturi tad-drittijiet ma jfittxux rimedju ċivili f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[11]. Dan l-aspett huwa partikolarment importanti għall-SMEs[12].

Il-prattika turi li l-valutazzjoni tad-danni għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tista' tkun ikkumplikata. B'riżultat ta' dan, id-detenturi tad-drittijiet, il-ġudikatura, il-professjoni legali, u l-pubbliku talbu aktar ċarezza tad-dritt dwar il-kalkolu tad-danni, kif ukoll allokazzjoni aktar ġusta.

#### *Kalkolu tad-danni*

F'konformità mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri huma mitluba li jippermettu lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jordnaw lill-kontraventur li b'mod konsapevoli, jew b'raġunijiet raġonevoli biex ikun konsapevoli, kien involut f'attività ta' ksur sabiex iħallas lid-detentur tad-drittijiet id-danni xierqa għall-preġudizzju li huwa effettivament ġarrab b'riżultat tal-ksur. Meta l-kontraventur ikun aġixxa bla ma jkun konsapevoli, jew mingħajr raġunijiet raġonevoli biex ikun konsapevoli, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jippermettu lill-awtoritajiet ġudizzjarji jordnaw l-irkupru tal-profitti jew il-ħlas tad-danni, li jistgħu jiġu stabbiliti minn qabel (Artikolu 13(2)).

---

[11] Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas legali ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, p. 26-28.

[12] *Ibidem*, p. 10. Ir-raġunijiet ewlenin irrapportati mill-SMEs għaliex ma jifthux kawża kienu l-ispejjeż tal-litigazzjoni, in-nuqqas ta' riżorsi u n-nuqqas ta' prevedibbiltà fir-rigward tal-eżitu.

F'konformità mal-Artikolu 13(1), jenħtieġ li d-danni jkunu xierqa għall-preġudizzju effettivament imġarrab b'riżultat tal-ksur. L-għan hu li dak il-preġudizzju jiġi kkumpensat bis-sħiħ[13].

Id-Direttiva tipprevedi żewġ possibiltajiet biex jiġu stabbiliti dawn id-danni. L-ammont tagħhom jista' jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet ġudizzjarji:

- billi jikkunsidraw l-aspetti xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi, inklużi l-profitti mitlufa li l-parti li sofriet id-danni ġarrbet, kwalunkwe profitt inġust li sar mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, l-elementi li mhumiex fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali li d-detentur tad-drittijiet ġarrab minħabba l-ksur (Artikolu 13(1)(a)), jew, bħala alternattiva,
- f'każijiet xierqa, billi jistabbilixxu bħala somma waħda abbażi ta' elementi bħal mill-inqas l-ammont ta' royalties jew ta' tariffi li kien ikollhom jitħallsu kieku l-kontraventur talab l-awtorizzazzjoni biex juża d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni ("royalty/tariffa ipotetika") (Artikolu 13(1)(b)).

L-għan ta' din id-dispożizzjoni mhuwiex li jiġi introdott obbligu li jipprevedi danni punittivi, iżda biex tippermetti kumpens ibbażat fuq kriterju oġġettiv filwaqt li tqis l-ispejjeż imġarrba mid-detentur tad-drittijiet, bħall-ispejjeż għall-identifikazzjoni u r-riċerka[14].

It-test tal-Artikolu 13(1) tal-IPRED jindika li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żewġ metodi għall-istabbiliment tad-danni stabbiliti f'din id-dispożizzjoni jkunu riflessi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Għall-kuntrarju ta' pereżempju l-Artikolu 13(2), dawn mhumiex żewġ għażliet għall-Istati Membri; pjuttost huwa f'idejn l-applikant u, finalment, f'idejn l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti li jiddeċiedu liema minn dawn iż-żewġ metodi alternattivi għandu jiġi applikat biex jiġu stabbiliti d-danni f'każ partikolari.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla bejn iż-żewġ metodi alternattivi f'każ partikolari, it-test tal-Artikolu 13(1) jindika li jenħtieġ li jkun "xieraq" li jiġi applikat il-metodu ta' somma waħda msemmi fil-punt (b) ta' dik id-dispożizzjoni. Il-Premessa 26 tal-IPRED tagħti eżempju, jiġifieri sitwazzjonijiet li fihom ikun diffiċli li jiġi ddeterminat l-ammont tal-preġudizzju effettivament imġarrab. Ġie rrapportat[15] li f'ċerti każijiet skont ir-regoli nazzjonali applikabbli l-applikanti jistgħu jitolbu biss kalkolu tad-danni f'konformità ma' dak il-metodu jekk l-użu tal-metodu msemmi fil-punt (a) ikun impossibbli. Fil-fehma tal-Kummissjoni, interpretazzjoni bħal din mhix konformi mad-Direttiva, meta jitqies li l-Premessa 26 issemmi dan biss bħala eżempju u, barra minn hekk, tirreferi għall-użu tal-metodu l-ieħor bħala diffiċli u mhux impossibbli. Minflok, fid-dawl tal-Premessa 17, ir-rekwiżiti ġenerali tal-Artikolu 3, inklużi l-effikaċja u l-proporzjonalità, kif ukoll fid-dawl tal-għan li tingħata l-possibbiltà ta' kumpens ibbażat fuq kriterju oġġettiv, jenħtieġ li jiġi ddeterminat fil-funzjoni taċ-ċirkustanzi ta' kull każ individwali jekk ikunx xieraq li jiġi applikat il-metodu tas-somma waħda.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-possibbiltà li jiġu stabbiliti d-danni fuq il-bażi ta' somma waħda f'konformità mal-Artikolu 13(1)(b) hija alternattiva għall-metodu stipulat fl-Artikolu 13(1)(a) li jeħtieġ l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-aspetti xierqa kollha, u jenħtieġ li fil-prinċipju ż-żewġ metodi jkunu disponibbli għall-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jagħtu kumpens għad-danni stabbilit abbażi ta' somma waħda skont il-punt (b) meta dawn iqisu li dan ikun xieraq fid-dawl taċ-ċirkustanzi

[13] Is-Sentenza tal-QtĠ (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Marzu 2016, C-99/15, *Christian Liffers* vs *Producciones Mandarina SL u Mediaset España Comunicación SA, anciennement Gestevisión Telecinco SA*, UE:C:2016:173, il-punt 25.

[14] Il-Premessa 26 tal-IPRED.

[15] CSWD – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE, Anness II - Rapport sinottiku.

tal-każ speċifiku quddiemhom, b'mod partikolari meta jkun diffiċli li d-danni jiġu stabbiliti abbażi tal-metodu tal-punt (a).

***Danni morali***

Ġiet irrapportata diffikultà fil-kalkolu tad-danni meta jkun hemm il-possibbiltà li jinkiseb kumpens għall-preġudizzju morali mġarrab[16]. Eżempji li fihom intalbu d-danni morali jinkludu każijiet li fihom seħħ dannu għar-reputazzjoni tad-detentur tad-drittijiet, stress emozzjonali, tbatija kkawżata minn ksur, eċċ[17]..

F'dan ir-rigward, l-Artikolu 13(1)(a) tal-IPRED huwa ċar, peress li jsemmi b'mod espliċitu li elementi oħra li mhumiex fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali kkawżat lid-detentur tad-drittijiet mill-ksur, jistgħu jkunu wħud mill-"aspetti xierqa" li għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti d-danni f'konformità mal-metodu previst f'din id-dispożizzjoni.

Għall-kuntrarju, l-Artikolu 13(1)(b) tal-IPRED ma jsemmix b'mod espliċitu l-possibbiltà ta' kumpens għal preġudizzju morali meta jiġu stabbiliti d-danni f'konformità mal-metodu tas-somma waħda. Madankollu, il-QtĠ indikat[18] li d-dispożizzjoni lanqas ma tipprekludi l-għoti ta' kumpens bħal dan u li fil-fatt hemm bżonn li l-preġudizzju morali mġarrab jiġi kkunsidrat meta tiġi stabbilita somma waħda sabiex jinkiseb l-objettiv ta' għoti ta' kumpens sħiħ għall-preġiduzzju effettivament imġarrab.

Parti li ġġarrab ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u li tippreżenta talba għad-danni bħala kumpens għall-preġudizzju li ġarrbet, stabbiliti f'konformità mal-metodu tas-somma waħda tal-Artikolu 13(1)(b) tal-IPRED, tista' titlob u, jekk it-talba tkun issostanzjata, tingħata mhux biss kumpens għad-dannu materjali iżda anki għall-preġudizzju morali kkawżat minn dak il-ksur.

***L-istabbiliment tad-danni bħala somma waħda***

Fl-evalwazzjoni tal-IPRED, ġew irrapportati diffikultajiet fl-istabbiliment tad-danni fuq il-bażi tal-metodu msemmi fl-Artikolu 13(1)(b)[19]. B'mod partikolari, ġie ddikjarat li l-kumpens tad-danni li jikkorrispondi għall-ammont uniku tar-royalty/tat-tariffa ipotetika biss mhuwiex biżżejjed biex jikkumpensa għall-preġudizzju effettivament imġarrab u mhuwiex biżżejjed bħala effett ta' deterrent. F'dak il-kuntest, ġie diskuss jekk id-Direttiva tippermettix għall-possibbiltà li jingħata kumpens għad-danni li jkun jikkonsisti minn aktar minn valur wieħed tar-royalty/tat-tariffa ipotetika.

F'kawża riċenti[20], il-QtĠ indikat li detentur tad-drittijiet ekonomiċi tad-dritt tal-awtur li jkunu nkisru jista' jitlob lill-persuna li kisret dawk id-drittijiet sabiex tikkumpensa għat-telf ikkawżat billi tħallas somma li tikkorrispondi għad-doppju tal-ammont tar-royalty/tat-tariffa ipotetika, fejn id-dritt nazzjonali applikabbli jipprevedi possibbiltà bħal din. Il-QtĠ spjegat ukoll li, meta jinkiser dritt tal-proprjetà intellettwali, is-sempliċi ħlas ta' royalty/tariffa ipotetika mhuwiex xieraq sabiex jiggarantixxi kumpens fir-rigward tat-telf kollu effettivament imġarrab. Il-QtĠ osservat li dan huwa dovut għall-fatt li l-ħlas ta' dik ir-royalty minnu nnifsu ma jiżgurax ir-rimborż ta' kwalunkwe spiża marbuta mar-riċerka u mal-identifikazzjoni ta' atti possibbli ta' ksur, lanqas il-kumpens għall-preġudizzju morali possibbli jew il-ħlas tal-imgħax fuq is-somom dovuti[21]. F'dak il-każ, huwa osservat ukoll li l-użu tal-metodu tas-

[16] CSWD – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE, p. 17 u l-Anness III.
[17] Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali *"Damages in Intellectual Property Rights"*, p. 4.
[18] C-99/15 *Liffers*, il-punti 15-27.
[19] CSWD – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE, Anness III.
[20] Is-Sentenza tal-QtĠ (Il-Ħames Awla) tal-25 ta' Jannar 2017, C-367/15, *Stowarzyszenie "Oławska Telewizja Kablowa" w Oławie v Stowarzyszenie Filmowców Polskich w Warszawie*, UE:C:2017:36.
[21] C-367/15 *OTK*, il-punt 30. Ara wkoll C-99/15 *Liffers*, il-punt 18.

somma waħda minnu nnifsu jfisser li d-danni stabbiliti b'dan il-metodu ma jistgħux ikunu proporzjonati b'mod preċiż għat-telf effettivament imġarrab u li r-rekwiżit tal-kawżalità ma jridx jiġi interpretat u applikat b'mod strett wisq f'dan ir-rigward[22].

Fuq il-bażi ta' din il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-danni stabbiliti bl-użu tal-metodu tas-somma waħda bl-ebda mod ma għandhom ikunu ristretti għal darba biss l-ammont ta' royalty/tariffa ipotetika u jistgħu, skont il-każ, ikun hemm bżonn li jikkostitwixxu ammont ogħla. Jidher ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni meta jistabbilixxu d-danni billi japplikaw dan il-metodu. Konsegwentement, il-metodu deskritt fl-Artikolu 13(1)(b) jista' jitqies li jixbah l-għoti ta' setgħa lil dawk l-awtoritajiet biex jistmaw l-ammont tal-preġudizzju mġarrab fuq il-bażi tal-elementi disponibbli[23].

| |
|---|
| L-Artikolu 13(1)(b) tal-IPRED ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali li skont din detentur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali miksur jista' jitlob mingħand il-kontraventur il-ħlas ta' somma li tikkorrispondi għad-doppju tar-royalty/tat-tariffa ipotetika. Filwaqt li l-Artikolu 13(1)(b) tal-IPRED mhux bilfors jirrikjedi dan l-irdoppjar ta' dik ir-royalty/it-tariffa ipotetika, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta din id-dispożizzjoni jenħtieġ li tippermetti lid-detentur tad-drittijiet jitlob li d-danni stabbiliti bħala somma waħda ma jiġux ikkalkolati biss fuq il-bażi tal-ammont uniku ta' dik ir-royalty/it-tariffa ipotetika, iżda anki fuq il-bażi ta' aspetti xierqa oħra. Dan jista' jinkludi l-kumpens għal kwalunkwe spiża li hi marbuta mar-riċerka u mal-identifikazzjoni ta' atti possibbli ta' ksur u l-kumpens għal preġudizzju morali possibbli jew imgħax fuq is-somom dovuti. |

## 2. Il-provvediment ta' regoli ċari u effettivi dwar ir-rimborż tal-ispejjeż legali

Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika[24] juru li r-raġunijiet ewlenin għalfejn id-detenturi tad-drittijiet ma jfittxux rimedju ċivili għall-ksur allegat tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma minħabba t-tariffi tal-avukati u l-ispejjeż l-oħra relatati mal-litigazzjoni u minħabba l-improbabbiltà perċepita li se jiksbu kumpens xieraq għall-ispejjeż legali u għall-ispejjeż l-oħra. L-evalwazzjoni tal-IPRED indikat[25] li r-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż legali jvarjaw madwar l-UE u f'ċerti sitwazzjonijiet mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż kollha mġarrba mill-parti rebbieħa.

Skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva, l-ispejjeż legali raġonevoli u proporzjonati u l-ispejjeż l-oħra mġarrba mill-parti rebbieħa għandhom jitħallsu mill-parti telliefa, dment li l-prinċipju tal-ekwità ma jippermettix dan. Il-prinċipju dwar ir-rimborż tal-ispejjeż legali espress fl-Artikolu 14 japplika għat-tipi kollha ta' proċedimenti legali koperti mid-Direttiva, jiġifieri proċedimenti dwar ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Kif iċċarat mill-QtĠ, dan jinkludi wkoll pereżempju proċedimenti għall-kumpens ta' dannu kkawżat lil partijiet li ġew soġġetti b'mod skorrett għal ċerti miżuri ta' infurzar f'konformità mal-Artikoli 7(4) u 9(7) tad-Direttiva[26], kif ukoll proċedura ta' exequatur għar-rikonoxximent u għall-infurzar ta' ġudizzju

[22] C-367/15 *OTK*, il-punti 26 u 32.

[23] Għoti ta' setgħa simili, għalkemm applikabbli biss f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi, ġie inkluż fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 349, 5.12.2014, p. 1-19.

[24] Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas legali ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, p. 28-30.

[25] CSWD – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE; p. 20 u l-Anness III.

[26] Is-Sentenza tal-QtĠ (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Lulju 2015, C-681/13, *Diageo Brands BV v Simiramida-04 EOOD,* UE:C:2015:471.

li jkollu l-għan li jinforza dritt tal-proprjetà intellettwali[27]. Il-proċedimenti ta' invalidazzjoni mhumiex koperti[28].

Filwaqt li dan il-prinċipju ġenerali jipprovdi lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali b'bażi għar-rimborż tal-ispejjeż, dawn l-awtoritajiet, meta jikkalkolaw l-ammont proprju li jenħtieġ li jingħata, tipikament ikunu marbuta b'reġimi nazzjonali aktar dettaljati dwar dan is-suġġett. Uħud minn dawn ir-reġimi nazzjonali mhumiex speċifiċi għall-proprjetà intellettwali, huma bbażati fuq skema ta' rata fissa (limiti massimi), u/jew jirreferu għar-regoli nazzjonali li jirregolaw l-ispejjeż minimi ta' assistenza tal-avukati jew tal-avukati tal-privattivi. B'riżultat ta' dan, ir-reġimi tal-Istati Membri jvarjaw b'mod konsiderevoli f'dak li għandu x'jaqsam mal-kalkolu u mar-rimborż tal-ispejjeż legali u fil-proċeduri li jirregolaw din il-kwistjoni[29].

### *Skema b'rata fissa*

F'dak il-kuntest, ġie mistoqsi jekk ir-reġimi nazzjonali bbażati fuq skema b'rata fissa, li jindikaw l-ammont massimu ta' spejjeż li jista' jiġi rrimborżat, humiex konformi mal-Artikolu 14 tal-IPRED.

Il-QtĠ spjegat[30] li l-leġiżlazzjoni li tipprevedi rata fissa ta' rimborż tat-tariffi ta' avukat, fil-prinċipju, tista' tiġi ġġustifikata, dment li l-leġiżlazzjoni tkun maħsuba biex tiżgura li l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati jkunu raġonevoli. Ikollha tieħu f'kunsiderazzjoni fatturi bħas-suġġett tal-proċedimenti, is-somma involuta, jew il-ħidma li trid titwettaq biex jiġi rrappreżentat il-klijent ikkonċernat. Dan jista' jkun il-każ jekk dik il-leġiżlazzjoni tkun maħsuba biex teskludi r-rimborż ta' spejjeż eċċessivi. Dawn huma spejjeż dovuti għal tariffi li jkunu aktar għoljin mis-soltu miftiehma bejn il-parti rebbieħa u l-avukat tagħha jew dovuti għall-fatt li l-avukat jipprovdi servizzi mhux meqjusa neċessarji biex jiġu infurzati d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kkonċernati.

Il-QtĠ stabbiliet ukoll li[31] r-rekwiżit tal-Artikolu 14 tal-IPRED li skontu l-parti telliefa trid iġġarrab spejjeż legali "raġonevoli" ma jistax jiġġustifika leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta din id-dispożizzjoni li timponi rata fissa ferm inqas mir-rata medja effettivament imġarrba għas-servizzi ta' avukat f'dak l-Istat Membru. Leġiżlazzjoni bħal din ma tkunx kompatibbli mal-Artikolu 3(2) tal-IPRED, li jiddikjara li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti jridu jkunu dissważivi.

Barra minn hekk, l-Artikolu 14 tal-IPRED jipprevedi li l-ispejjeż legali li għandhom jitħallsu mill-parti telliefa jridu jkunu "proporzjonati". F'dan ir-rigward, il-QtĠ sabet li, filwaqt li r-rekwiżit tal-proporzjonalità ma jimplikax li l-parti telliefa trid bilfors tirrimborża l-ispejjeż kollha mġarrba mill-parti l-oħra, dan ifisser li l-parti rebbieħa jenħtieġ li jkollha d-dritt ta' rimborż ta', mill-inqas, sehem sinifikanti u xieraq tal-ispejjeż raġonevoli effettivament imġarrba minn dik il-parti. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi limitu assolut fuq l-ispejjeż għall-assistenza ta' avukat trid tiżgura, minn naħa, li dak il-limitu jirrifletti r-realtà tar-rati mitluba għas-servizzi ta' avukat fil-qasam tal-proprjetà intellettwali. Iżda leġiżlazzjoni bħal din trid tiżgura wkoll li, mill-inqas, sehem sinifikanti u xieraq tal-ispejjeż raġonevoli effettivament imġarrba mill-parti rebbieħa għandu jitħallas mill-parti telliefa[32].

---

[27] Is-Sentenza tal-QtĠ (Awla Manja) tat-18 ta' Ottubru 2011, C-406/09, *Realchemie Nederland BV v Bayer CropScience AG*. UE:C:2011:668.

[28] C-180/11, *Bericap*, il-punti 77-82.

[29] *"Support study for the ex-post evaluation and ex-ante impact analysis of the IPR enforcement Directive"*, Technopolis Group f'konsorzju ma' EY u Schalast Rechtsanwälte, 2017, p. 69-70.

[30] C-57/15, *UVP*, il-punt 25.

[31] C-57/15 *UVP*, il-punti 26-27.

[32] C-57/15 *UVP*, il-punti 29-30.

L-Artikolu 14 tal-IPRED ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi skema b'rata fissa għar-rimborż tal-ispejjeż għall-assistenza ta' avukat, dment li dawk ir-rati jiżguraw li l-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-parti telliefa jkunu raġonevoli, b'kunsiderazzjoni ta' karatteristiċi li jkunu speċifiċi għall-każ. Madankollu, l-Artikolu 14 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi rati fissi li jkunu baxxi wisq biex ikun żgurat li, mill-inqas, sehem sinifikanti u xieraq tal-ispejjeż raġonevoli effettivament imġarrba mill-parti rebbieħa jitħallsu mill-parti telliefa.

***It-tipi ta' spejjeż li għandhom jiġu rimborżati***

Differenzi oħra bejn l-Istati Membri u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jirreferu għat-tipi ta' spejjeż koperti mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 14 tal-IPRED. Fil-prattika, filwaqt li t-tariffi tal-qorti għall-ftuħ ta' proċedimenti u l-ispejjeż proċedurali l-oħra spiss ikunu koperti bis-sħiħ, l-ispejjeż għal esperti esterni, il-miżati tal-avukati u t-tariffi addizzjonali tal-avukati, mill-inqas f'ċerti każijiet, huma koperti parzjalment biss[33].

Skont l-Artikolu 14, ġeneralment il-kontraventur irid iġarrab il-konsegwenzi finanzjarji kollha tal-imġiba tiegħu[34]; min-naħa l-oħra, il-parti rebbieħa hija intitolata għal rimborż ta' mill-inqas sehem sinifikanti u xieraq tal-ispejjeż legali raġonevoli li effettivament tkun ġarrbet[35].

B'mod aktar speċifiku, filwaqt li l-Artikolu 14 tal-IPRED jirreferi għall-"*ispejjeż legali u spejjeż oħra raġjonevoli u proprozjonati mħallsa mill-parti rebbieħa*", id-Direttiva ma tagħtix definizzjoni ta' x'jinvolvu eżattament dawn il-kunċetti. Il-QtĠ stabbiliet li l-kunċett ta' "spejjeż legali" jinkludi, fost l-oħrajn, it-tariffi tal-avukati[36]. Iddikjarat ukoll li l-kunċett ta' "spejjeż oħra" jinkludi, fil-prinċipju, spejjeż imġarrba għas-servizzi ta' konsulent tekniku[37]. Madankollu, il-QtĠ indikat ukoll li dan l-aħħar kunċett għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u li, għaldaqstant, huma dawk l-ispejjeż li huma marbuta b'mod dirett u relatati mill-qrib mal-proċedimenti ġudizzjarji kkonċerati biss li jikkwalifikaw bħala "spejjeż oħra" skont it-tifsira tal-Artikolu 14[38].

F'dan il-kuntest, il-QtĠ sabet li l-ispejjeż ta' riċerka u ta' identifikazzjoni mġarrba fost l-oħrajn meta konsulent tekniku jagħmel osservazzjoni ġenerali tas-suq u jidentifika ksur possibbli tal-liġi tal-proprjetà intellettwali, attribwibbli għal kontraventuri mhux magħrufa f'dak l-istadju, ma jidhrux li juru rabta diretta mill-qrib bħal din. Min-naħa l-oħra, stabbiliet li, is-servizzi ta' konsulent tekniku, irrispettivament min-natura tat-tali servizzi, huma essenzjali biex f'każ speċifiku tittieħed azzjoni legali siewja bil-għan li jkun żgurat ir-rispett ta' tali dritt, l-ispejjeż marbuta mal-assistenza ta' dak il-konsulent jaqgħu taħt "spejjeż oħra". Skont l-Artikolu 14 tal-IPRED, dawn huma "spejjeż oħra" li jridu jitħallsu mill-parti telliefa[39].

Il-QtĠ iċċarat ukoll[40] li l-Artikolu 14 tal-IPRED jipprekludi regoli nazzjonali li jipprevedu li l-ispejjeż ta' konsulent tekniku jistgħu jiġu rimborżati biss jekk il-parti telliefa tkun wettqet xi nuqqas, peress li dawk l-ispejjeż huma marbuta b'mod dirett u mill-qrib ma' azzjoni ġudizzjarja li tfittex li tiżgura r-rispett tad-dritt tal-proprjetà intellettwali.

---

[33] Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas legali ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, p. 28.
[34] C-406/09, *Realchemie*, il-punt 49.
[35] Is-Sentenza tal-QtĠ (Il-Ħames Awla) tat-28 ta' Lulju 2016, C-57/15, *United Video Properties Inc. v Telenet NV* (UVP), UE:C:2016:611, il-punt 29.
[36] C-57/15, *UVP*, il-punt 22.
[37] C-57/15, *UVP*, il-punt 34.
[38] C-57/15, *UVP*, il-punt 36.
[39] C-57/15 *UVP*, il-punti 39-40.
[40] C-57/15, *UVP*, il-punt 40.

Finalment, huwa importanti li jiġi indikat li dak imsemmi hawn fuq mhux bilfors ifisser li l-ispejjeż mhux koperti mill-Artikolu 14 ma jistgħux jiġu kkumpensati. Dan aktar ifisser li, fejn xieraq, it-talbiet għal kumpens għal tali spejjeż, pereżempju spejjeż għall-identifikazzjoni u għar-riċerka[41], għandhom jiġu mressqa permezz ta' kawża għad-danni skont l-Artikolu 13 minflok.

L-Artikolu 14 tal-IPRED japplika għal spejjeż legali, li jinkludu tariffi tal-avukati, kif ukoll għal spejjeż oħra relatati b'mod dirett u mill-qrib mal-proċedimenti ġudizzjarji kkonċernati. Dawn tal-aħħar jinkludu spejjeż imġarrba għas-servizzi ta' konsulent tekniku, meta dawk is-servizzi jkunu essenzjali biex tinfetaħ azzjoni legali bil-għan li, f'każ speċifiku, jkun żgurat ir-rispett ta' xi dritt.

### 3. Fokus fuq il-ksur fuq skala kummerċjali

Uħud mill-mezzi previsti fl-IPRED iridu jiġu applikati biss għal ksur fuq skala kummerċjali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 9(2)) jew jikkonċernaw persuni li mhumiex kontraventuri (l-Artikolu 8(1)(a)-(c)) li nstabu li kienu fil-pussess ta' oġġetti kontraventorji, jew jużaw servizzi kontraventorji fuq skala kummerċjali, jew jipprovdu servizzi fuq skala kummerċjali użati f'attivitajiet kontraventorji[42].

Fil-kuntest tal-qafas legali għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-kunċett ta' "skala kummerċjali" jeħtieġ l-applikazzjoni ta' ċerti miżuri li jħallu impatt akbar jew li huma aktar intrużivi f'każijiet ta' ksur ta' gravità partikolari, u b'hekk jiġi żgurat li ħafna mill-ksur dannuż jiġi indirizzat b'mod effettiv filwaqt li jiġu żgurati wkoll proporzjonalità u approċċ ibbilanċjat. Madankollu, jidher li dan il-kunċett huwa mifhum u applikat b'mod differenti bejn l-Istati Membri.

Il-kunċett ta' skala kummerċjali ma ġiex iddefinit fid-Direttiva. Id-Direttiva lanqas ma tagħmel xi referenza espliċita għal-liġijiet tal-Istati Membri sabiex tiġi determinata t-tifsira tiegħu. Skont il-ġurisprudenza stabbilita fid-dawl tal-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE u tal-prinċipju ta' ugwaljanza, jenħtieġ li f'każijiet bħal dawn dan il-kunċett jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi madwar l-UE[43].

Barra minn hekk, il-Premessa 14 tal-IPRED tipprovdi xi kjarifika, billi tiddikjara li dan jikkonċerna atti "*li jsiru għall-vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali dirett jew indirett; dawn normalment jeskludi azzjonijiet mill-aħħar konsumaturi li jaġixxu b'intenzjoni tajba*".

Barra minn hekk, il-kunċett ta' skala kummerċjali, skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim TRIPS, ġie diskuss fid-dettal f'rapport tal-panil għas-soluzzjoni tat-tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO")[44]. Il-panil li eżaminah qies it-tifsira ordinarja tat-termini "skala" u "kummerċjali" u sab li l-kunċett għandu jinftiehem b'riferiment għall-elementi kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi, u li dan jirreferi għad-daqs jew għall-firxa ta' attività kummerċjali tipika jew normali fir-rigward ta' prodott partikolari f'suq partikolari[45]. Għalkemm fil-Ftehim TRIPS dan il-kunċett jintuża f'kuntest kemxejn differenti minn tal-

[41] Ara l-Premessa 26 tal-IPRED.
[42] Kif indikat fil-Premessa 14 tal-IPRED: *"Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibilità li Stati Membri japplikaw dawk il-miżuri wkoll għall-atti oħrajn."*.
[43] Eż. Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 3 ta' Settembru 2014, C-201/13, *Johan Deckmyn u Vrijheidsfonds VZW v Helena Vandersteen u Oħrajn*, UE:C:2014:2132, il-punt 14.
[44] Rapport tal-Panil tad-WTO tas-26 ta' Jannar 2009, WT/DS362/R, p. 75 – 98.
[45] WT/DS362/R, il-punti VII, 601-603 u VII.635-636.

IPRED[46] u li fl-ordni legali tal-UE tali rapporti tal-panil minnhom infushom mhumiex vinkolanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni ta' att ta' dritt sekondarju tal-UE bħall-IPRED, il-Kummissjoni tqis li dan ir-rapport xorta waħda huwa punt ta' riferiment siewi[47].

Minn dan li ntqal hawn fuq isegwi li, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-kunċett ta' skala kummerċjali, kif jintuża f'diversi dispożizzjonijiet tal-IPRED, jenħtieġ li ma jinftiehemx f'termini purament kwantitattivi; minflok, ċerti elementi kwalitattivi, bħal jekk l-attività inkwistjoni normalment titwettaqx għal vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll.

| |
|---|
| Il-kunċett ta' "skala kummerċjali" kif previst fl-Artikoli 6(2), 8(1) u 9(2) tal-IPRED jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat b'kunsiderazzjoni tal-elementi kwalitattivi, bħall-vantaġġ ekonomiku jew kummerċjali li jista' jinkiseb bil-ksur inkwistjoni, kif ukoll l-elementi kwantitattivi, bħall-għadd u l-firxa tal-ksur, li jkunu rilevanti fil-każ inkwistjoni. |

## III. L-IŻGURAR TA' APPROĊĊ IBBILANĊJAT GĦALL-INFURZAR TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI U GĦALL-PREVENZJONI TAL-ABBUŻ

### 1. Obbligu ġenerali u drittijiet fundamentali

L-obbligu ġenerali fid-Direttiva huwa li jiġu previsti miżuri, proċeduri u rimedji neċessarji għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Dawn għandhom ikunu "ġusti" u "m'għandhomx ikunu mhux neċessarjament kumplikati jew għaljin, jew li jwasslu għal-limiti ta' ħin mhux raġjonevoli jew dewmien mhux ordnat"; dawn iridu jkunu wkoll effettivi, proporzjonati u dissważivi, ma jridux jaġixxu bħala ostakli għall-kummerċ u jridu jipprovdu salvagwardji kontra l-abbuż (Artikolu 3(1) u (2)). Barra minn hekk, tali miżuri, proċeduri u rimedji jenħtieġ li jiġu determinati f'kull każ b'mod li jippermetti lijitqiesu kif xieraq il-karatteristiċi speċifiċi ta' dak il-każ, inklużi l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull dritt tal-proprjetà intellettwali u, fejn xieraq, il-karattru intenzjonali jew mhux intenzjonali tal-ksur[48]. Bħala riżultat ta' dan, biex jiġi żgurat l-użu bbilanċjat tas-sistema ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, b'mod ġenerali, jagħmlu valutazzjoni każ b'każ meta jqisu l-użu tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fl-IPRED.

L-IPRED tirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("Karta"); b'mod partikolari, din tfittex li tiżgura r-rispett sħiħ għall-proprjetà intellettwali, f'konformità mal-Artikolu 17(2) tal-Karta[49]. Bħala konsegwenza, ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva jridu jiġu interpretati u applikati b'mod li mhux biss jiġi ssalvagwardjat dan id-dritt fundamentali speċifiku, iżda wkoll li d-drittijiet fundamentali l-oħra inkwistjoni jiġu kkunsidrati u rrispettati bis-sħiħ. Dawn tal-aħħar jistgħu jinkludu, skont il-każ, id-drittijiet għal protezzjoni

[46] Jiġifieri, b'rabta ma' ċerti miżuri tal-liġi kriminali, fejn fl-IPRED il-kunċett jintuża b'rabta ma' ċerti mezzi tal-liġi ċivili.
[47] F'dan ir-rigward jista' jiġi nnotat li, l-ewwel nett, l-UE hija wkoll parti għall-Ftehim TRIPS (ara l-Premessa 4 tal-IPRED), u dan ifisser li d-dispożizzjonijiet tiegħu jifformaw parti integrali mill-ordni legali tal-UE (ara, eż., C-180/11, *Bericap*, il-punt 67) u, it-tieni anki skont il-ġurisprudenza tal-QtĠ, it-tifsira ordinarja tat-termini mhux iddefiniti użati f'atti tad-dritt sekondarju tal-UE bħall-IPRED hija element importanti meta jiġu interpretati dawn it-termini (ara, eż., C-201/13, *Deckmyn*, il-punt 19).
[48] Il-Premessa 17 tal-IPRED.
[49] Il-Premessa 32 tal-IPRED.

ġudizzjarja effettiva u għal protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali, kif ukoll il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' intrapriża[50]. Firxa ta' sentenzi tal-QtĠ maħruġa wara l-adozzjoni tad-Direttiva jindirizzaw din il-kwistjoni.

B'mod partikolari, fis-sentenza *Promusicae*[51] l-QtĠ indirizzat il-kwistjoni tal-ibbilanċjar ta' drittijiet fundamentali differenti meta interpretat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, tad-Direttiva dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni[52], tal-IPRED u tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika[53], fid-dawl tal-Karta. Il-QtĠ spjegat li fl-interpretazzjoni ta' dawn id-Direttivi, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali kkonċernati jridu jiżguraw li jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali differenti involuti u li ma jkun hemm ebda kunflitt mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt tal-UE, bħall-prinċipju tal-proporzjonalità. F'dan il-każ partikolari, il-QtĠ ikkonkludiet li l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jistabbilixxu obbligu ta' komunikazzjoni tad-dejta personali biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-awtur fi proċeduri ta' qorti ċivili. Madankollu, il-QtĠ ikkonkludiet ukoll li, meta jittrasponu d-Direttivi msemmija hawn fuq, jenħtieġ li dawn jiġu interpretati b'mod li jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali li jiggarantixxu l-protezzjoni tad-dejta personali u tal-ħajja privata u d-drittijiet fundamentali għall-proprjetà u għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Dan l-approċċ ġie rifless aktar fid-deċiżjonijiet sussegwenti tal-QtĠ[54], li jipprovdu aktar gwida dwar kif jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali differenti kunfliġġenti, fost l-oħrajn meta jiġi deċiż dwar id-dritt relatat mat-talbiet għall-informazzjoni u dwar il-ħruġ ta' mandati[55].

Għalkemm dawn id-deċiżjonijiet inħarġu fil-kuntest speċifiku ta' litigazzjoni relatata mal-ksur tad-drittijiet tal-awtur, l-analiżi tal-QtĠ tindirizza b'mod ġenerali l-bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni temmen li r-rekwiżit ta' żgurar ta' bilanċ ġust bejn it-tali drittijiet, fid-dawl tal-prinċipju ġenerali tal-proporzjonalità, japplika mhux biss f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-awtur, iżda fil-każijiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-IPRED.

| |
|---|
| Fil-każijiet kollha li fihom jiġu interpretati u applikati d-dispożizzjonijiet tal-IPRED u fejn diversi drittijiet fundamentali kunfliġġenti protetti fl-ordni legali tal-UE ikunu f'riskju, jenħtieġ li jiġi żgurat li jinstab bilanċ ġust bejniethom, fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità. |

[50] Ara, rispettivament, l-Artikoli 47, 7, 8, 11 u 16 tal-Karta.
[51] Is-Sentenza tal-QtĠ (Awla Manja) tad-29 ta' Jannar 2008, C-275/06, *Productores de Música de España (Promusicae) v Telefónica de España SAU*, UE:C:2008:54, il-punt 68.
[52] Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, ĠU L 167, 22.06.2001, p. 10–19.
[53] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2012 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, ĠU L 201, 31.07.2002, p. 37–47 (li tikkomplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 281, 23.11.1995,p.31–50).
[54] Eż., l-Ordni tal-QtĠ (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Frar 2009, C-557/07, *LSG-Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten GmbH v Tele2 Telecommunication GmbH*, UE:C:2009:107; Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tad-19 ta' April 2012, C-461/10, *Bonnier Audio AB u Oħrajn v Perfect Communication Sweden AB* UE:C:2012:219; Is-Sentenza tal-QtĠ (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Lulju 2015, C-580/13, *Coty Germany GmbH v Stadtsparkasse Magdeburg*, UE:C:2015:485.
[55] Ara wkoll diskussjoni ulterjuri li tikkonċerna l-Artikolu 8 dwar id-dritt għall-informazzjoni (kapitolu III) u l-Artikoli 9 u 11 dwar il-mandati (kapitolu IV) tal-IPRED.

## 2. Is-sejbien ta’ bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali applikabbli fil-każ tad-dritt għall-informazzjoni

Is-sejbien ta’ bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali differenti hu ta’ importanza partikolari meta jiġi applikat id-dritt għall-informazzjoni stipulat fl-Artikolu 8 tal-IPRED. L-Artikolu 8 jobbliga lill-Istati Membri jippermettu lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jordnaw li l-kontraventur jew ċerti persuni oħra jipprovdu informazzjoni preċiża dwar l-oriġini tal-oġġetti jew tas-servizzi kontraventorji, il-kanali ta’ distribuzzjoni u l-identità ta’ kwalunkwe parti terza involuta fil-ksur[56].

F’każ ta’ talbiet relatati mad-dritt għall-informazzjoni skont l-Artikolu 8, jista’ jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom diversi drittijiet fundamentali li jkollhom bżonn jiġu bbilanċjati ma’ xulxin. Dan jista’ jkun il-każ b’mod partikolari dwar id-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni ta’ proprjetà (inkluża l-proprjetà intellettwali) u għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva minn naħa, u d-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali, kif ukoll il-libertà ta’ intrapriża, min-naħa l-oħra.

Kwalunkwe ordni mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti biex tiġi pprovduta informazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 8 jenħtieġ li tikkonċerna biss informazzjoni li effettivament tkun meħtieġa biex jiġu identifikati s-sors u l-kamp ta’ applikazzjoni tal-ksur. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan isegwi mir-rekwiżit ta’ talba ġustifikata u proporzjonali stabbilita fl-Artikolu 8(1) u l-obbligi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 (b’mod partikolari r-rekwiżiti li kwalunkwe miżura adottata trid tkun ġusta u ekwa u ma tistax tkun ikkumplikata jew għalja wisq mingħajr bżonn, u li jrid jiġu previsti salvagwardji kontra l-abbuż).

Il-QtĠ iċċarat[57] li d-dritt tal-UE, b’mod partikolari l-Artikolu 8(3) tal-IPRED flimkien mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jimponu obbligu ta’ divulgazzjoni ta’ dejta personali relatata mat-traffiku tal-internet lil ċerti partijiet terzi privati biex it-tali partijiet terzi jkunu jistgħu jiftħu proċeduri ta' qorti ċivili għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur. Madankollu, instab ukoll li r-regoli tad-dritt tal-UE inkwistjoni f’dak il-każ lanqas ma jeżiġu li l-Istati Membri jimponu obbligu bħal dan.

Il-QtĠ indikat ukoll li dawk ir-regoli ma jipprekludux l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fuq il-bażi tal-Artikolu 8 tal-IPRED li, biex jiġi identifikat abbonat jew utent tal-internet, jippermetti lil fornitur tas-servizz tal-Internet fi proċedimenti ta' qorti ċivili jagħti lil detentur tad-drittijiet tal-awtur jew lir-rappreżentant tiegħu informazzjoni dwar l-abbonat li lilu l-fornitur tas-servizz tal-Internet ipprovda indirizz tal-IP li allegatament intuża fi ksur. Madankollu, jenħtieġ li tali leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti lill-qorti nazzjonali inkarigata tqis l-interessi kunfliġġenti involuti, abbażi tal-fatti ta’ kull każ filwaqt li tieħu kont kif xieraq tar-rekwiżiti tal-prinċipju tal-proporzjonalità[58].

F’kawża oħra, il-QtĠ iċċarat li l-Artikolu 8(3)(e) tal-IPRED jipprekludi dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jippermettu, b’mod mhux limitat u mhux kondizzjonat, li istituzzjoni bankarja tinvoka s-segretezza bankarja sabiex tirrifjuta li tipprovdi, f’konformità mal-Artikolu 8(1)(c) tal-IPRED, informazzjoni dwar l-isem u l-indirizz ta’ detentur ta’ kont[59]. Tali awtorizzazzjoni mhux limitata u mhux kondizzjonata ta’ invokazzjoni tas-segretezza bankarja tista’ xxekkel serjament l-eżerċizzju effettiv tad-dritt fundamentali għall-proprjetà

[56] Ara wkoll il-Premessa 21 tal-IPRED.
[57] C-275/06, *Promusicae*, il-punti 58-59. Ara wkoll it-taqsima 1 aktar ’il fuq.
[58] C-461/10 *Bonnier*, il-punti 51-61.
[59] Is-Sentenza tal-QtĠ (Ir-Raba’ Awla) tas-16 ta’ Lulju 2015, C-580/13, *Coty Germany GmbH v Stadtsparkasse Magdeburg*, il-punt 43.

intellettwali għall-benefiċċju tad-dritt tal-persuni koperti mill-Artikolu 8(1) tal-IPRED għall-protezzjoni tad-dejta personali li tikkonċernahom[60].

Skont l-Artikolu 8 tal-IPRED, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jitolbu lil kontraventur jew lil ċerti persuni oħra jipprovdu informazzjoni dwar l-oriġini u n-networks ta' distribuzzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali. Din l-informazzjoni tista' tinkludi dejta personali, meta t-tali divulgazzjoni sseħħ f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u dment li jkunu jeżistu salvagwardji li jiżguraw bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali inkwistjoni.

## 3. Il-preżentazzjoni ta' evidenza speċifika li tinsab taħt il-kontroll tal-parti opposta

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tal-IPRED, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw li tiġi ppreżentata l-evidenza li tinsab taħt il-kontroll ta' parti opposta, meta l-applikant ikun ippreżenta evidenza disponibbli b'mod raġonevoli li tkun biżżejjed biex issostni t-talbiet tiegħu u, meta ssostanzja dawk it-talbiet, ikun speċifika l-evidenza.

Matul l-evalwazzjoni ġie rrapportat li f'ċerti Stati Membri l-proċess ta' speċifikazzjoni tal-evidenza li tinsab taħt il-kontroll tal-parti opposta jista' jimponi piż kbir fuq l-applikant u, b'hekk, fil-prattika jillimita b'mod sinifikanti l-possibbiltà li tinkiseb it-tali evidenza. Ġie rrapportat li l-applikanti f'ċerti każijiet talbu li jiġu speċifikati n-natura, il-post, in-numri ta' referenza jew il-kontenuti eżatti tad-dokumenti mitluba, anki jekk it-tali informazzjoni tkun ovvjament diffiċli, jekk mhux impossibbli, li tinkiseb għal persuna esterna li mhux bilfors tkun rat id-dokumenti mitluba[61].

Filwaqt li bla dubju huwa meħtieġ ċertu grad ta' speċifikazzjoni, il-ħtieġa ta' livell eċċessiv ta' dettall tista' tixħet dubju fuq l-effikaċja tal-miżuri ta' divulgazzjoni previsti mill-Artikolu 6(1) u tqajjem tħassib rigward il-proporzjonalità tar-rekwiżiti stabbiliti fil-livell nazzjonali. Din tqajjem ukoll il-kwistjoni tan-natura "ġusta" tat-tali rekwiżiti u tista' tagħmilha wisq ikkumplikata li jintużaw il-miżuri tad-Direttiva. B'hekk, rekwiżiti nazzjonali dettaljati ta' din ix-xorta jistgħu jmorru kontra l-Artikolu 6(1), flimkien mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva.

Id-Direttiva dwar azzjoni għad-danni għall-Kompetizzjoni[62] hija aktar elaborata f'dan ir-rigward. L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar id-divulgazzjoni tal-evidenza jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jordnaw id-divulgazzjoni ta' oġġetti speċifikati ta' evidenza jew il-kategoriji rilevanti ta' evidenza ċirkoskritti bl-aktar mod preċiż u ristrett possibbli fuq il-bażi ta' fatti raġonevolment disponibbli fil-ġustifikazzjoni motivata.

Il-Kummissjoni hi tal-fehma li jaf ikun hemm raġunijiet validi għall-adozzjoni ta' approċċ simili meta jiġi interpretat u applikat l-Artikolu 6(1) tal-IPRED. Filwaqt li jenħtieġ li l-applikant jispeċifika l-informazzjoni li jkun qed jitlob bl-aktar mod speċifiku possibbli, l-obbligu li jagħmel dan jenħtieġ li jiġi interpretat fi ħdan il-limiti raġonevoli, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-każ inkwistjoni. Dan ifisser li, fil-fehma tal-Kummissjoni, filwaqt li fil-prinċipju jenħtieġ li l-applikant jispeċifika fit-talba tiegħu l-oġġetti individwali tal-evidenza, l-Artikolu 6(1) ma jipprekludix li f'ċerti każijiet applikant jispeċifika kategorija konkreta ta' oġġetti tal-evidenza, dment li l-grad ta' speċifikazzjoni jippermetti lill-parti opposta

[60] C-580/13, *Coty Germany*, il-punt 40.
[61] Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas legali ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, p. 18. Ara wkoll SEC(2010) 1589 final, p. 9.
[62] Id-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 349, 5.12.2014, p. 1.

tidentifika evidenza konkreta li tinsab taħt il-kontroll tagħha u lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tiddeċiedi dwar it-talba ta' divulgazzjoni.

Barra minn hekk, hemm diffikultajiet fil-fehim ta' xi tfisser "*evidenza speċifika li qegħda fil-kontroll tal-parti opposta*". B'mod aktar speċifiku, tqajmu inċertezzi dwar jekk it-terminu "kontroll" għandux jirreferi biss għall-pussess tal-evidenza, jew jekk għandux jinftiehem b'mod aktar ġeneriku, u jiġi estiż biex saħansitra l-parti opposta tiġi mitluba twettaq tiftix raġonevoli[63].

Filwaqt li, fil-fehma tal-Kummissjoni, l-Artikolu 6(1) jidher li ma joffri ebda bażi ċara biex parti tkun meħtieġa tfittex b'mod attiv l-evidenza fil-pussess ta' partijiet terzi barra mill-kontroll tagħha bl-għan li tippreżenta t-tali evidenza, din tinnota li l-użu tal-kelma "kontroll" tissuġġerixxi li mhux bilfors li l-parti hija mitluba tkun effettivament fil-pussess tal-evidenza. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kummissjoni, fejn iġġustifikat, l-Artikolu 6(1) jista' jipprovdi bażi għal obbligu fuq parti li twettaq tiftix diliġenti għall-evidenza fi ħdan l-organizzazzjoni tagħha (inklużi l-entitajiet ġuridiċi separati li tikkontrolla), dment li l-applikant ikun issostanzja u speċifika b'mod adegwat it-talba għall-evidenza kkonċernata, li l-obbligu ma jmurx lil hinn minn dak li huwa proporzjonat u ma jkunx għali mingħajr bżonn, u li jkunu jeżistu salvagwardji kontra l-abbuż fejn ikun hemm bżonn[64].

Kwalunkwe talba għall-preżentazzjoni ta' evidenza skont l-Artikolu 6(1) tal-IPRED jenħtieġ li tkun issostanzjata u speċifikata b'mod adegwat u tibqa' limitata għal dak li hu proporzjonat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. Madankollu, dan ir-rekwiżit m'għandux bżonn jeskludi l-possibbiltà li l-parti soġġetta għal din il-miżura tkun meħtieġa f'ċerti każijiet tippreżenta kategoriji konkreti ta' evidenza jew li twettaq tiftix diliġenti għall-evidenza fi ħdan l-organizzazzjoni tagħha.

## 4. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali

Il-possibbiltà li jinkisbu l-miżuri speċifikati fl-Artikoli 6(1), 6(2), 7(1), 8(1) u 8(2) tal-IPRED hi soġġetta għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Din ir-restrizzjoni hija partikolarment importanti meta d-dokumenti indikati bħala evidenza jew informazzjoni li potenzjalment għandhom jiġu ppreżentati jkun fihom sigrieti tal-mestier jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva oħra tal-parti soġġetta għal dawk il-miżuri.

Għal talbiet relatati mad-dritt għall-informazzjoni skont l-Artikolu 8, ġie rrapportat[65] li l-fatt li ċerti tipi ta' informazzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal reġimi differenti ta' kunfidenzjalità fi Stati Membri differenti jista' joħloq problemi addizzjonali għad-detenturi tad-drittijiet. Dan għaliex mhuwiex ċar jekk dawn ikunux jistgħu jużaw f'pajjiż ieħor l-informazzjoni miksuba legalment f'pajjiż ieħor, fejn il-kunfidenzjalità tat-tali informazzjoni tkun taqa' taħt regoli tal-kunfidenzjalità aktar stretti.

Għall-fini ta' proporzjonalità, it-talbiet għall-preżentazzjoni ta' evidenza mressqa skont l-Artikolu 6, għal miżuri kawtelatorji skont l-Artikolu 7 u għall-forniment tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 jenħtieġ li jkunu rilevanti għall-prova tat-talba/talbiet inkwistjoni fil-proċedimenti legali kkonċernati. Madankollu, anki jekk parti mill-informazzjoni li tinsab fil-pussess tal-parti opposta se tkun kruċjali biex jintwera l-ksur allegat jew il-kamp ta'

[63] CSWD - Analiżi tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE tat-22.12.2010, p.9; Dokument tal-Kummissjoni *"Synthesis of the comments on the Commission Report on the application of Directive 2004/48"*, Lulju 2011, p. 19.
[64] Ara l-Artikolu 3 tal-IPRED.
[65] Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas legali ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, p. 18-25.

applikazzjoni jew il-konsegwenzi tiegħu, in-natura speċifika ta' din l-informazzjoni f'ċerti każijiet tista', pereżempju, xorta waħda tkun ta' valur kummerċjali importanti tant kbir li jenħtieġ li ma tiġix iddivulgata lill-applikant. Skont il-feedback mill-evalwazzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jsibuha diffiċli li jindirizzaw dawn l-interessi kunfliġġenti, speċjalment meta l-partijiet ikunu kompetituri.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li t-tali Artikoli ma jipprevedux li t-tali informazzjoni kunfidenzjali ma tistax tintuża fil-proċedimenti inkwistjoni. Minflok, dawn jipprevedu li l-informazzjoni trid tiġi protetta. F'ċerti Stati Membri[66] ġew introdotti miżuri biex id-divulgazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali tkun tista' ssir biss lill-qorti jew lil parti terza marbuta b'regoli speċifiċi dwar il-kunfidenzjalità. Barra minn hekk, l-Artikolu 60(3) tal-Ftehim dwar Qorti Unifikata tal-Privattivi[67] jipprevedi l-possibbiltà li l-Qorti Unifikata tal-Privattivi ("QUP") tordna spezzjoni tal-bini minn persuna maħtura mill-QUP. Filwaqt li l-applikant ma jistax ikun preżenti matul it-tali spezzjoni, dan jista' jkun rappreżentat minn prattikant professjonist indipendenti li ismu jrid ikun speċifikat fl-ordni.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu jistgħu jiddeċiedu, f'konformità mar-regoli dettaljati tad-dritt nazzjonali, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq it-talba ta' parti fil-proċedimenti, dwar mezzi xierqa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali meta t-tali informazzjoni tista' tkun affettwata mill-miżuri previsti fl-Artikoli 6, 7 u 8. Filwaqt li dan mhuwiex meħtieġ b'mod espliċitu skont dawn id-dispożizzjonijiet, hi tqis li tali mezzi jistgħu jinkludu, meta jkunu ġġustifikati, il-possibbiltà li t-tali informazzjoni tiġi ppreżentata biss lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew lil parti terza indipendenti u imparzjali li hi maħtura biex tassisti fil-proċedimenti jew fl-ispezzjonijiet bl-għan li tiddeskrivi u tissekwestra u li tkun soġġetta għal obbligi xierqa relatati mal-kunfidenzjalità. Kwalunkwe mezz bħal dan jenħtieġ li jiżgura li l-informazzjoni ma tiġix iddivulgata lill-applikant, lil parti oħra fil-proċedimenti jew lill-pubbliku ġenerali, filwaqt li tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta għad-drittijiet ta' difiża tal-applikant jew ta' partijiet oħra bħal dawn[68].

| |
|---|
| Jenħtieġ li jingħata effett għall-obbligu li jipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali stabbilit fl-Artikoli 6, 7 u 8 tal-IPRED permezz ta' mezzi xierqa li jipprovdu s-salvagwardji neċessarji. Mezzi xierqa bħal dawn jistgħu jinkludu l-preżentazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali biss lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew l-ispezzjoni ta' bini bl-għan li tiġi deskritta jew issekwestrata biss minn ċerti partijiet terzi indipendenti u imparzjali. |

## 5. L-importanza tal-garanziji

L-IPRED tippreskrivi li l-miżuri għall-preservazzjoni tal-evidenza (l-Artikolu 7(2)) u l-miżuri proviżorji (l-Artikolu 9(6)) jistgħu jkunu soġġetti għall-preżentazzjoni min-naħa tal-applikant ta' garanzija adegwata jew assigurazzjoni ekwivalenti biex jiġi żgurat kumpens għal kwalunkwe preġudizzju mġarrab mill-konvenut. Tali garanziji jew assigurazzjonijiet huma strument importanti mhux biss biex jiġi kkumpensat it-tali dannu *ex post* fejn ikun hemm bżonn, iżda anki biex jiġi evitat l-abbuż potenzjali tal-miżuri previsti mill-IPRED. F'dak ir-rigward, l-obbligi speċifiċi previsti fl-Artikoli 7(2) u 9(6) jimplimentaw l-obbligu ġenerali fl-

[66] Eż. in-Netherlands.
[67] ĠU C 175, 20.6.2013, p. 1.
[68] Ara s-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Frar 2008, C-450/06, *Varec SA v L-Istat tal-Belġju*, UE:C:2008:91, rigwardl-ibbilanċjar tad-drittijiet kunfliġġenti inkwistjoni f'litigazzjoni relatata mal-proċeduri ta' akkwist.

Artikolu 3(2), b'mod partikolari li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti mid-Direttiva jridu jiġu applikati b'tali mod li jipprovdu salvagwardji kontra l-abbuż tagħhom.

Madankollu, l-Artikolu 3(2) jistipula wkoll li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u, skont l-Artikolu 3(1), ġusti u ekwi u ma jridux ikunu għaljin mingħajr bżonn. Dan jisħaq li filwaqt li l-abbuż irid jiġi evitat, il-mezzi biex isir hekk ma jistgħux ikunu tali li jidħlu f'kunflitt ma' dawn l-aħħar rekwiżiti. Dan ifisser, pereżempju, li jenħtieġ li l-garanziji li jridu jiġu ppreżentati biex jingħataw il-miżuri proviżorji ma jiġux stabbiliti f'livelli tali li fil-prattika l-applikanti ma jibqgħux japplikaw għall-miżuri proviżorji inkwistjoni. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-SMEs, peress li l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' qorti ċivili, flimkien mar-riskju li jitilfu l-kawża u li jkollhom iħallsu t-tariffi taż-żewġ partijiet, huma deterrent importanti għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fi proċedimenti ta' qorti ċivili[69].

| |
|---|
| Il-ħtieġa li r-rikorrent jippreżenta garanzija adegwata jew assigurazzjoni ekwivalenti bħala prekundizzjoni għall-ħruġ ta' miżuri proviżorji u kawtelatorji f'konformità mal-Artikoli 7 u 9 tal-IPRED tista' tkun mezz xieraq biex jiġi evitat l-użu abbużiv ta' dawn il-miżuri. Meta jiġi ddeterminat x'garanzija jew x'assigurazzjoni ekwivalenti għandha titqies adegwata f'każ partikolari, jenħtieġ li jiġu meqjusa, fost l-oħrajn, il-kapaċità ekonomika tal-applikant u l-effetti potenzjali fuq l-effikaċja tal-miżuri li ssir applikazzjoni għalihom, b'mod partikolari għall-SMEs. |

## 6. Il-possibbiltajiet u l-merti ta' nota kawtelatorja

L-Artikolu 7(1) tal-IPRED jipprevedi l-possibbiltà, f'każijiet xierqa, li jinħarġu miżuri għall-preservazzjoni tal-evidenza mingħajr ma tkun instemgħet il-parti l-oħra (jiġifieri *ex parte*), b'mod partikolari meta xi dewmien x'aktarx jikkawża dannu irreparabbli għad-detentur tad-drittijiet jew meta jkun hemm riskju dimostrabbli li qed tinqered l-evidenza. B'mod simili, kif previst fl-Artikolu 9(4) tal-IPRED, miżuri proviżorji u kawtelatorji jistgħu jinħarġu *ex parte* b'mod partikolari meta kwalunkwe dewmien ikun jikkawża dannu irreparabbli għad-detentur tad-drittijiet. F'każijiet bħal dawn, minħabba n-natura urġenti u/jew il-ħtieġa li l-konvenut ma jiġix informat minn qabel, id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-miżuri tittieħed fuq bażi unilaterali mingħajr notifika minn qabel u smigħ. B'hekk, il-konvenut ma jingħata ebda opportunità li jippreżenta argumenti għad-difiża tiegħu, anki jekk il-konvenut jista' jġarrab dannu minħabba s-severità possibbli tal-impatt tal-miżura mogħtija.

L-Artikoli 7 u 9 jipprevedu għadd ta' salvagwardji, b'mod partikolari l-fatt li tali mandati *ex parte* jistgħu jingħataw biss għal raġunijiet speċifiċi, iridu jiġu kkomunikati minnufih lill-konvenut wara l-eżekuzzjoni tagħhom u jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju *ex post*, li fih il-konvenut ikun jista' jinstema'. Minkejja dan, il-fatt jibqa' li tali miżuri *ex parte* jaffettwaw b'mod sinifikanti d-dritt fundamentali tal-konvenut li jinstema' u jiddefendi lilu nnifsu fil-qorti, li huwa parti mid-dritt fundamentali għal proċess ġust[70]. Għaldaqstant, fil-prinċipju, il-limitazzjonijiet għad-dritt ta' smigħ jenħtieġ li jiġu imposti biss skont dawn l-Artikoli filwaqt li jiġu pprovduti s-salvagwardji neċessarji u sa fejn it-tali limitazzjonijiet ikunu neċessarji biex jiżguraw id-drittijiet għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-applikant, li wkoll huma drittijiet fundamentali ggarantiti skont il-Karta.

[69] *"Intellectual Property SME Scoreboard 2016"*, EUIPO, Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, 2016.
[70] L-Artikolu 47 tal-Karta. Ara wkoll l-Artikolu 42 tal-Ftehim TRIPS.

Biex jinkiseb bilanċ ġust bejn dawn l-interessi u d-drittijiet fundamentali kunfliġġenti, ċerti Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands u Spanja) u r-Regola 207 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi[71] jipprevedu l-istrument ta' nota kawtelatorja (magħrufa bħala "protective brief", "protective letter" jew "protective writ"). Permezz ta' nota kawtelatorja, konvenut li jibża' li se jiġi mħarrek minħabba ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (pereżempju, minħabba li rċieva ittra ta' twissija mingħand id-detentur tad-drittijiet) jinforma lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti minn qabel, (jiġifieri saħansitra qabel ma ssir l-applikazzjoni) bir-raġuni għaliex it-talba potenzjali dwar ksur mhix iġġustifikata, skont il-konvenut. L-iskop ewlieni tan-nota kawtelatorja huwa li tipprovdi lill-awtoritajiet ġudizzjarji bl-aktar ammont ta' informazzjoni rilevanti possibbli, bla ma jinstemgħu l-konvenuti ladarba ssir l-applikazzjoni għal mandat preliminari, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni.

Għalkemm mhuwiex previst b'mod espliċitu fl-IPRED, l-istrument ta' nota kawtelatorja jista' jitqies bħala strument tajjeb li jgħin biex jinstab bilanċ, b'mod ġust u proporzjonat, bejn id-diversi interessi u d-drittijiet fundamentali kunfliġġenti inkwistjoni b'rabta mal-possibbiltà ta' teħid ta' miżuri *ex parte* stipulati fl-Artikoli 7(1) u 9(4) tal-IPRED.

## IV. L-IŻGURAR TA' INFURZAR EFFETTIV TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI, INKLUŻ F'KUNTEST DIĠITALI

Il-fokus ta' dan il-kapitolu huwa fuq il-kwistjoni ta' mandati u ta' intermedjarji. Il-fehmiet espressi fil-konsultazzjoni pubblika juru li d-detenturi tad-drittijiet jikkunsidraw il-mandati preliminari bħala strument essenzjali biex jipproteġu drittijiethom. Barra minn hekk, kif spjegat fid-Direttiva dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni ("Direttiva dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni")[72], fl-ambjent diġitali, b'mod partikolari s-servizzi tal-intermedjarji jistgħu jintużaw dejjem aktar minn partijiet terzi għal attivitajiet ta' ksur; f'ħafna każijiet, tali intermedjarji jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex itemmu dawn l-attivitajiet ta' ksur.

### 1. Mandati u responsabbiltà

L-IPRED tistabbilixxi żewġ tipi ta' mandati. L-ewwel, skont l-Artikolu 9(1)(a), l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet ikunu f'pożizzjoni li japplikaw għal mandat interlokutorju kontra kontraventur jew intermedjarju. L-għan ta' tali mandati huwa li jipprevjenu ksur imminenti jew li jipprojbixxu l-kontinwazzjoni ta' ksur. It-tieni, l-Artikolu 11 jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li, fi proċedimenti dwar il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu joħorġu mandat kontra l-kontraventur biex jipprojbixxu l-kontinwazzjoni tal-ksur, jew kontra intermedjarju li mhux biss ikollu l-għan li jtemm il-ksur iżda anki li jipprevjeni ksur ulterjuri[73].

F'dan il-kuntest, importanti li jiġi enfasizzat li d-dritt tal-UE jagħmel distinzjoni bejn il-kunċett ta' responsabbiltà u l-possibbiltà li jinħarġu mandati kontra intermedjarju kif stabbilit fl-Artikoli 9(1)(a) u 11 tal-IPRED[74]. Il-QtĠ ikkonfermat li l-obbligu impost fuq l-Istati

[71] Is-sett preliminari ta' dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi (l-Abbozz nru 18), disponibbli fuq: https://www.unified-patent-court.org/documents.
[72] Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10–19, il-Premessa 59.
[73] C-324/09, *L'Oréal* vs *eBay*, il-punt 131; C-70/10, *Scarlet Extended*, il-punt 31; C-360/10, *SABAM*, il-punt 29.
[74] Tali possibbiltà – indipendentement mir-responsabbiltà tal-intermedjarju wkoll – hija prevista wkoll fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni.

Membri mill-Artikolu 11 tal-IPRED japplika "*indipendentement mir-responsabbiltà eventwali tiegħu* [jiġifieri tal-intermedjarju] *fil-fatti kkontestati*"[75].

| |
|---|
| Il-possibbiltà li jinħareġ mandat kontra intermedjarju abbażi tal-Artikoli 9(1)(a) u 11 tal-IPRED ma tiddependix mir-responsabbiltà tal-intermedjarju għall-ksur (allegat) inkwistjoni. Konsegwentement, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ma jistgħux jeħtieġu lill-applikanti juru li l-intermedjarju huwa responsabbli, anki b'mod indirett, għal ksur (allegat), bħala kundizzjoni biex jinħareġ il-mandat. |

## 2. Kjarifika tal-kunċett ta' intermedjarju

Fl-Artikoli 9(1)(a) u 11 tagħha, l-IPRED tirreferi għall-possibbiltà li jinħarġu mandati kontra kwalunkwe "*intermedjarji li s-servizzi kienu użati minn parti terzi biex issir il-kontravvenzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali*". Id-Direttiva ma tispeċifikax liema operaturi ekonomiċi għandhom jitqiesu bħala intermedjarji għall-fini tad-Direttiva.

Il-QtĠ iċċarat li operatur ekonomiku jista' jikkwalifika bħala intermedjarju fi ħdan it-tifsira ta' dawn id-dispożizzjonijiet meta jipprovdi servizz li jista' jintuża minn persuna oħra waħda jew aktar biex jiksru wieħed jew aktar mid-drittijiet tal-proprjetà intelletwali jew biex jaċċessaw kontenut jew oġġetti kontraventorji[76]. Biex ikun ikkwalifikat bħala tali, l-operatur ekonomiku m'għandux bżonn ikollu relazzjoni speċifika, pereżempju permezz ta' rabta kuntrattwali, ma' dawk il-persuni l-oħra[77].

Konsegwentement, l-applikazzjoni tal-Artikoli 9(1)(a) u 11 tad-Direttiva mhix limitata għal grupp speċifiku ta' intermedjarji iżda hija mifruxa fuq setturi differenti, u tinkludi kemm servizzi offline kif ukoll online[78].

Il-QtĠ iddikjarat b'mod speċifiku li l-fornituri tas-servizzi tal-internet[79], il-pjattaformi ta' networking soċjali[80], is-swieq online[81] u l-kerrejja ta' swali tas-suq[82] jenħtieġ li jitqiesu bħala intermedjarji fiċ-ċirkostanzi tal-fatti inkwistjoni fil-proċedimenti legali inkwistjoni.

Fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-QtĠ disponibbli sal-lum, il-Kummissjoni tqis li ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li din hija lista eżawrjenti u li, għalhekk, firxa ta' operaturi ekonomiċi oħra li jipprovdu servizzi li jistgħu jintużaw minn persuni oħra biex jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali wkoll tista' taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' intermedjarju tad-Direttiva, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ. Fil-fehma tal-Kummissjoni, operaturi ekonomiċi bħal dawn jistgħu, skont il-każ, potenzjalment jinkludu pereżempju fornituri ta' ċerti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, fornituri ta'

[75]Is-Sentenza tal-QtĠ (Awla Manja) tat-12 ta' Lulju 2011, C-324/09, *L'Oréal SA u Oħrajn v eBay International AG u Oħrajn*, UE:C:2011:474, il-punt 127. Ara wkoll C-494/15, *Tommy Hilfiger*, UE:C:2016:528, il-punt 22. L-Artikolu 12-14 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku jistabbilixxu b'mod speċifiku, fir-rigward ta' ċerti intermedjarji online, li l-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà previsti f'dawk id-dispożizzjonijiet ma jaffettwawx il-possibbiltà li qorti jew awtorità amministrattiva titlobhom itemmu jew jipprevjenu ksur.
[76] Ara C-314/12 *UPC Telekabel*; Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Novembru 2011.
[77] Is-Sentenza tal-QtĠ (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Lulju 2016, C-494/15, *Tommy Hilfiger Licensing LLC u Oħrajn v DELTA CENTER a.s.*, il-punt 23. Fir-rigward tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni, ara wkoll C-314/12 *UPC Telekabel*, il-punti 34-35.
[78] Fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi offline u online, ara C-494/15, *Tommy Hilfiger*, il-punt 29.
[79] C-557/07 *LSG-Gesellschaft*, il-punt 46. C-314/12 *UPC Telekabel*, il-punt 43-46; Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Novembru 2011, C-70/10, *Scarlet Extended SA v Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM)*, UE:C:2011:771, il-punt 30.
[80] Is-Sentenza tal-QtĠ (It-Tielet Awla) tas-16 ta' Frar 2012, C-360/10, *Belgische Vereniging van Auteurs, Componisten en Uitgevers CVBA (SABAM)* vs *Netlog NV*, UE:C:2012:85, il-punt 28.
[81] C-324/09, *L'Oréal* vs *eBay*, il-punt 131.
[82] C-494/15 *Tommy Hilfiger*, il-punt 28.

servizzi tal-posta u tal-pakketti postali, kumpaniji tat-trasport u tal-loġistika u bejjiegħa bl-imnut.

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-Artikoli 9(1)(a) u 11 jenħtieġ li jiġu interpretati u applikati fid-dawl tar-rekwiżiti ġenerali tal-Artikolu 3 u d-drittijiet fundamentali applikabbli protetti fl-ordni legali tal-UE. Għalhekk, minn naħa, l-involviment ta' dawn l-operaturi ekonomiċi, li huma nfushom ma kinux involuti f'attivitajiet ta' ksur, fil-proċess ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont l-IPRED jistgħu jkunu meħtieġa jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet ikunu f'pożizzjoni li jinfurzaw drittijiethom b'mod effettiv. Min-naħa l-oħra, f'każ partikolari jista' ma jkun hemm ebda ġustifikazzjoni għal tali involviment meta s-servizzi pprovduti jkunu daqstant imbiegħda jew immaterjali mill-ksur (allegat) li l-operatur ekonomiku inkwistjoni b'mod raġonevoli ma jistax ikun mistenni li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tali infurzar effettiv, li jfisser li l-involviment tiegħu jkun sproporzjonat u impenjattiv iżżejjed[83].

L-operaturi ekonomiċi li jipprovdu servizz li jista' jintuża minn persuni oħra biex jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jistgħu, skont il-fatti tal-każ inkwistjoni, jikkwalifikaw bħala intermedjarji skont it-tifsira tal-Artikoli 9(1)(a) u 11 tal-IPRED, anki fin-nuqqas ta' relazzjoni speċifika, bħal rabta kuntrattwali, bejn dawk iż-żewġ partijiet.

## 3. L-iżgurar ta' reġim ibbilanċjat għall-mandati u għall-intermedjarji

Fil-kuntest tal-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi li tipikament ikun meħtieġ b'rabta mal-interpretazzjoni u mal-applikazzjoni tar-reġim tal-IPRED dwar il-mandati u l-intermedjarji, minbarra dawn li ssemmew s'issa, tipikament hemm żewġ kwistjonijiet oħra li huma ta' importanza partikolari, jiġifieri l-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe mandat maħruġ u l-filtrazzjoni.

***Kamp ta' applikazzjoni tal-mandati***

Filwaqt li inizjalment huwa l-applikant li għandu jispeċifika fl-applikazzjoni tiegħu l-kamp ta' applikazzjoni ta' mandat li huwa jqis li huwa xieraq għall-prevenzjoni ta' ksur imminenti jew biex jitwaqqaf ksur li jinsab għaddej, hija l-awtorità ġudizzjarja kompetenti li għandha tiddeċiedi dwar dik l-applikazzjoni. Għaldaqstant, hija wkoll l-awtorità ġudizzjarja kompetenti li tiddetermina liema miżuri għandhom jittieħdu (jekk ikun hemm) mill-konvenut. Jenħtieġ li dik l-awtorità ġudizzjarja tivvaluta l-applikazzjoni billi billi jitqiesu kif xieraq il-karatteristiċi speċifiċi tal-każ (ara l-Premessa 17 tal-IPRED) u kwalunkwe mandat maħruġ irid ikun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mar-rekwiżiti ġenerali l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 3 kif ukoll id-drittijiet fundamentali applikabbli.

Għaldaqstant l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jenħtieġ li ma toħroġx mandati li jeħtieġu t-teħid ta' miżuri li jmorru lil hinn minn dak li hu xieraq u neċessarju fid-dawl tal-fatti u taċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni biex jiġi evitat ksur imminenti jew tiġi pprojbita l-kontinwazzjoni ta' ksur. Għalhekk, kwalunkwe mandat maħruġ jenħtieġ li jkun kapaċi jkun effettiv, iżda jenħtieġ li jkollu l-kamp ta' applikazzjoni minimu neċessarju biex jintlaħaq dan l-objettiv. Ma hemmx bżonn li l-miżuri meħtieġa mill-mandat iwasslu għal waqfien totali tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; f'ċerti ċirkostanzi jista' jkun biżżejjed li dawn jagħmlu l-atti ta' ksur diffiċli jew jiskoraġġuhom serjament[84]. Fl-istess ħin, id-destinatarju tal-mandat jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ jagħmel sagrifiċċji insopportabbli[85].

---

[83] Ara l-Premessa 59 tad-Direttiva dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni.

[84] Is-Sentenza tal-QtĠ (Ir-Raba' Awla), is-27 ta' Marzu 2014, C-314/12, *UPC Telekabel Wien GmbH v Constantin Film Verleih GmbH u Wega Filmproduktionsgesellschaft mbH*, UE:C:2014:192, il-punt 63.

[85] C-314/12, *UPC Telekabel*, il-punt 53.

F'litigazzjoni relatata mal-ksur tad-drittijiet tal-awtur, il-QtĠ indikat[86] li l-miżuri adottati minn fornitur tas-servizz tal-Internet, bħala intermedjarju li lilu kien indirizzat il-mandat, iridu jkunu strettament immirati. B'mod aktar speċifiku, tali miżuri jridu jservu biex itemmu l-ksur minn parti terza tad-drittijiet tal-awtur jew ta' dritt relatat iżda mingħajr ma jaffettwaw bla bżonn lill-utenti tal-internet li jkunu qed jużaw is-servizzi tal-fornitur biex jaċċessaw informazzjoni b'mod legali. Fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ il-QtĠ sabet li, fin-nuqqas ta' dan, l-interferenza tal-fornitur fil-libertà tal-informazzjoni ta' dawk l-utenti ma tkunx iġġustifikata fid-dawl tal-objettiv imfittex. Kif ġie osservat hawn fuq[87], fir-rigward tal-intermedjarji, il-QtĠ iċċarat ukoll li l-mandati jistgħu jservu mhux biss biex itemmu l-ksur, iżda wkoll biex jipprevjenu ksur ulterjuri.

Għalhekk, f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta' ċertu kontenut online, jista' jkun xieraq li mandat indirizzat lil intermedjarju ikun jeżiġi li dan l-intermedjarju jneħħi dak il-kontenut jew iwaqqaf l-aċċess għalih. B'mod ġenerali, it-talba li jiġi mblokkat l-aċċess għas-sit web kollu tista' tkun eċċessiva, għalkemm jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tqis li dan huwa neċessarju u proporzjonat (eż. f'każijiet ta' ksur fuq skala kbira jew ksur li jseħħ b'mod strutturat). Fil-fehma tal-Kummissjoni, kwalunkwe deċiżjoni bħal din dejjem jenħtieġ li tittieħed f'funzjoni tal-ispeċifiċitajiet tal-każ inkwistjoni.

Il-QtĠ iċċarat ukoll[88] li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jiddeskrivux b'mod espliċitu l-miżuri speċifiċi li l-fornitur irid jieħu biex jikseb ir-riżultat fil-mira. Madankollu, il-QtĠ għamlitha ċara wkoll li f'każijiet bħal dawn, iridu jiġu rrispettati għadd ta' kundizzjonijiet, b'mod partikolari li l-miżuri ma jmorrux lil hinn minn dak li hu raġonevoli, jiġi rispettat il-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt, ikun hemm konformità mad-drittijiet fundamentali tal-partijiet ikkonċernati inkluża l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet, il-miżuri jiġu strettament immirati u li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkollhom il-possibbiltà jivverifikaw li dawn il-kundizzjonijiet ġew irrispettati, b'mod partikolari billi l-utenti tal-internet ikkonċernati jkollhom il-possibbiltà jasserixxu d-drittijiet tagħhom ladarba jsiru magħrufa dawk il-miżuri.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, filwaqt li l-ġurisprudenza msemmija hawn fuq hija relatata mal-ksur tad-drittijiet tal-awtur, il-prinċipji artikolati fiha jenħtieġ li jiġu applikati b'mod analogu wkoll b'rabta mal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li mhumiex drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.

Mandati maħruġa skont l-Artikoli 9(1)(a) u 11 tal-IPRED jenħtieġ li jkunu effettivi, iżda jenħtieġ li dawn ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju u proporzjonat fiċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni biex jiksbu dak l-objettiv. Jista' jkun biżżejjed li jagħmlu l-atti ta' ksur inkwistjoni diffiċli jew jiskoraġġuhom serjament, mingħajr ma bilfors iwasslu għall-waqfien assolut tagħhom. Madankollu, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QtĠ, id-destinatarju tal-mandat ma jistax ikun meħtieġ jagħmel "sagrifiċċji insopportabbli"[89]. Il-miżuri imposti jridu jkunu preċiżi u effettivi biżżejjed, bla ma jkun meħtieġ li miżura bilfors trid tiggarantixxi li ttemm il-ksur[90]. Il-konformità mad-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha involuti jenħtieġ li tiġi żgurata f'dan ir-rigward, inklużi dawk ta' partijiet terzi li jistgħu jkunu affettwati mill-miżuri meħuda biex tinżamm il-konformità mal-mandat bħall-utenti tal-internet.

***Sistemi ta' filtrazzjoni***

[86] C-314/12, *UPC Telekabel*,il-punt 56.
[87] Ara wkoll id-diskussjoni fit-taqsima 1 tal-kapitolu IV dwar il-mandati u r-responsabbiltà.
[88] C-314/12, *UPC Telekabel*, il-punti 52-57.
[89] C-314/12, *UPC Telekabel*, il-punt 53.
[90] Is-Sentenza tal-QtĠ (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Settembru 2016, C-484/14, *Tobias Mc Fadden v Sony Music Entertainment Germany GmbH*, UE:C:2016:689, il-punti 93-95; C-314/12, *UPC Telekabel*, il-punti 56 u 58-62.

Trid issir distinzjoni bejn mandat li jeħtieġ it-tneħħija ta' kontenut kontraventorju speċifiku wieħed jew aktar minn sit web u mandat li finalment jista' jirriżulta fl-obbligu għall-intermedjarju biex jissorvelja b'mod attiv il-kontenut kollu mqiegħed għad-dispożizzjoni f'post partikolari biex jiġi żgurat li l-ebda wieħed mill-oġġetti individwali ma jikser id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Skont l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, l-Istati Membri huma pprojbiti milli jimponu obbligu ġenerali ta' monitoraġġ fuq intermedjarji online skont it-tifsira tal-Artikoli 12-14 ta' dik id-Direttiva[91]. Obbligu bħal dan ikun inkompatibbli wkoll mar-rekwiżiti ġenerali ta' ekwità, ta' proporzjonalità u ma' kwalunkwe miżura li ma tkunx għalja wisq stabbiliti fl-Artikolu 3 tal-IPRED[92].

Fil-kawżi *Scarlet Extended*[93] u *SABAM*[94], il-QtĠ elaborat dwar il-limiti għall-kamp ta' applikazzjoni ta' mandat li jirriżulta minn dawk id-dispożizzjonijiet kif ukoll mid-drittijiet fundamentali applikabbli tal-partijiet ikkonċernati. Fis-sustanza tagħha, *Scarlet Extended* kienet sistema li kellha tiġi installata minn fornitur tas-servizz tal-Internet għall-filtrazzjoni:

- tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kollha li jgħaddu mis-servizzi tagħha, b'mod partikolari dawk li jinvolvu l-użu ta' softwer "peer-to-peer",
- li tapplika b'mod indiskriminat għall-klijenti tiegħu,
- bħala miżura preventiva,
- esklużivament bl-ispejjeż imħallsa minnu, u
- għal perjodu bla limitu,

li kapaċi tidentifika fuq in-netwerk tal-fornitur il-moviment ta' fajls elettroniċi li jkun fihom xogħol mużikali, ċinematografiku jew awdjoviżiv li fir-rigward tiegħu l-applikant jiddikjara li għandu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, bl-għan li jiġi mblokkat it-trasferiment tal-fajls li l-qsim tagħhom jikser id-drittijiet tal-awtur. Il-kawża *SABAM* kienet tikkonċerna sistema li hija fil-biċċa l-kbira simili, li kellha tiġi installata minn fornitur ta' servizz ta' hosting fir-rigward tal-informazzjoni maħżuna fuq is-servers tiegħu.

Fiż-żewġ każijiet, il-QtĠ sabet li l-ħtieġa li l-fornituri kkonċernati jinstallaw sistemi ta' filtrazzjoni ġenerali bħal dawn ma tkunx kompatibbli mal-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku u mal-Artikolu 3 tal-IPRED, flimkien mar-rekwiżiti u interpretati fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali applikabbli.

Fl-istess ħin, il-Premessa 47 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku tfakkar li l-Artikolu 15(1) jikkonċerna biss l-obbligi ta' monitoraġġ ta' natura ġenerali u awtomatikament ma jkoprix l-obbligi ta' monitoraġġ f'każ speċifiku. B'mod partikolari, ma jaffettwax l-ordnijiet magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-Premessa 48 tgħid ukoll li din id-Direttiva ma taffettwax il-possibbiltà li l-Istati Membri jitolbu lill-fornituri tas-servizzi kkonċernati biex japplikaw dmirijiet ta' diliġenza raġonevoli sabiex jiġu identifikati u evitati ċerti tipi ta' attivitajiet illegali.

Għalhekk, fejn xieraq u fi ħdan il-limiti tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, jistgħu jiġu imposti ċerti obbligi relatati mad-diliġenza dovuta eż. fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting online bl-għan li jiġi evitat it-tlugħ ta' kontenut kontraventorju identifikat mid-detenturi tad-drittijiet u f'kooperazzjoni magħhom[95].

---

[91] L-Artikolu 2(3)(a) tal-IPRED jispeċifika li dik id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku u b'mod partikolari l-Artikoli 12-15 tagħha.

[92] C-324/09, *L'Oréal* vs *eBay*, il-punt 139; C-70/10, *Scarlet Extended*, il-punt 36; C-360/10, *SABAM*, il-punt 34.

[93] C-70/10, *Scarlet Extended*.

[94] C-360/10, *SABAM*.

[95] Ara l-obbligi għal ċerti fornituri ta' servizzi ta' hosting online sabiex jipprevjenu li jittella' kontenut protett mhux awtorizzat, flimkien ma-detenturi tad-drittijiet, li huma proposti fl-Artikolu 13 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali (COM(2016) 593, tal-14.9.2016)

Meta l-intermedjarji jiġu ordnati biex jieħdu ċerti miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni ta' ksur ulterjuri f'konformità mal-Artikoli 9(1)(a) jew 11 tal-IPRED, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fejn xieraq, joħorġu mandati li jinvolvu obbligi speċifiċi ta' monitoraġġ. Madankollu, il-projbizzjoni ta' impożizzjoni ta' obbligu ġenerali għall-monitoraġġ li tirriżulta mill-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku u mill-Artikolu 3 tal-IPRED, flimkien mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-drittijiet fundamentali applikabbli, tipprekludi lill-intermedjarji milli jsiru soġġetti, permezz ta' mandati bħal dawn għal obbligi li jeħtiġuhom jinstallaw u joperaw sistemi ta' filtrazzjoni li jkunu ġeneriċi wisq, mhux speċifiċi u għaljin tat-tip u fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawżi *Scarlet Extended* u *SABAM*.

## 4. Mandati li jħarsu 'l quddiem, ikopru katalogi sħaħ u dinamiċi

Hemm differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja kompetenti, b'mod partikolari dwar il-mod li bih jista' jindirizza ksur imminenti jew ripetittiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Filwaqt li huma disponibbli f'ċerti ġurisdizzjonijiet bħall-Irlanda u r-Renju Unit, mandati li jkopru katalogi sħaħ jew repertorji sħaħ[96] mhumiex disponibbli fl-Istati Membri kollha.

Barra minn hekk, f'ċerti każijiet il-mandati jistgħu jitilfu ċerta effikaċja minħabba tibdiliet fis-suġġett li fir-rigward tiegħu ġie ordnat il-mandat. Pereżempju, dan jista' jkun il-każ ta' sit web li jimblokka mandati, fejn awtorità ġudizzjarja kompetenti toħroġ il-mandat b'referenza għal ċerti ismijiet ta' dominju speċifiku, filwaqt li siti web mirja faċilment jistgħu jidhru taħt ismijiet ta' dominju ieħor u, b'hekk, jibqgħu mhux affettwati mill-mandat.

Dawn jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' mandati dinamiċi. Dawn huma mandati li jistgħu jinħarġu pereżempju f'każijiet li fihom materjalment l-istess sit web isir disponibbli eżatt wara l-ħruġ tal-mandat b'indirizz IP differenti jew b'URL differenti u li jitfasslu b'tali mod li jkunu jistgħu jkopru wkoll l-indirizz IP jew il-URL il-ġdid mingħajr il-ħtieġa ta' proċedura ġudizzjarja ġdida biex jinkiseb mandat ġdid. Il-possibbiltà li jinħarġu mandati bħal dawn teżisti fost l-oħrajn fir-Renju Unit u fl-Irlanda. Dan l-objettiv jista' jintlaħaq ukoll permezz ta' intervent tal-awtorità pubblika jew tal-pulizija, kif seħħ f'każ speċifiku fil-Belġju[97].

Kif ġie osservat aktar 'il fuq, mit-test huwa ċar li l-mandati interlokutorji previsti fl-Artikolu 9(1)(a) tal-IPRED jistgħu jinħarġu għall-prevenzjoni ta' ksur imminenti u l-QtĠ iċċarat[98] li, fir-rigward tal-intermedjarji, il-mandati msemmija fl-Artikolu 11 jistgħu jinħarġu wkoll għall-prevenzjoni ta' ksur ulterjuri. Apparti minn hekk, bħalissa ma hemm ebda indikazzjoni ċara rigward il-kompatibbiltà mal-IPRED jew rigward il-ħtieġa għal tali mandati skont l-IPRED. Fil-fehma tal-Kummissjoni, jenħtieġ li dan jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ, peress li hu mifhum li, f'dak li għandu x'jaqsam ma' mandati kontra intermedjarji, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri rilevanti fil-prinċipju għandhom jiġu speċifikati fid-dritt nazzjonali[99]. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq l-objettiv imfittex minn dawn iż-żewġ Artikoli, ir-rekwiżiti ġenerali tal-Artikolu 3 tal-IPRED kif ukoll id-drittijiet fundamentali applikabbli.

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li ċerti Stati Membri jipprevedu l-possibbiltà li jinħarġu mandati li jħarsu 'l quddiem, ikopru katalogi sħaħ u dinamiċi. Filwaqt li din il-kwistjoni mhix

[96] Jiġifieri mandati li jeżiġu, eż., li l-intermedjarji jipprevjenu ksur ulterjuri tad-drittijiet kollha miżmuma minn detentur tad-drittijiet jew li huma parti minn katalogu jew minn repertorju ta' detentur ta' liċenzja, abbażi ta' ksur stabbilit ta' kampjun ta' dawk id-drittijiet.

[97] Anvers, l-14 ta' Frar 2013, il-Kawżi 2012/FR/303, 2012/PGA/3549, 2012/KC21/262, u Kass., it-22 ta' Ottubru 2013, P.13.0550.N; F'din is-sentenza, l-imħallef talab lill-pulizija Belġjana ("l-Unità tal-Kriminalità tal-Informatika") biex tistabbilixxi lista ta' ismijiet ta' dominju relatati mas-sit web "thepiratbay.org".

[98] C-324/09, *L'Oréal* vs *eBay*, il-punt 131.

[99] Ara l-Premessa 23 tal-IPRED. Ara wkoll C-324/09, *L'Oréal* vs *eBay*, il-punt 135; C-70/10, *Scarlet Extended*, il-punt 31; C-360/10, *SABAM*, il-punt 29.

indirizzata b'mod espliċitu fl-IPRED, il-Kummissjoni tqis li, dment li jiġu pprovduti s-salvagwardji neċessarji, dawn il-mandati jistgħu jkunu mezz effettiv għall-prevenzjoni tal-kontinwazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

## 5. Evidenza diġitali

F'ċerti każijiet, il-ġbir, il-preżentazzjoni u l-preservazzjoni tal-evidenza ta' ksur imwettaq online jistgħu jkunu sfida qawwija. Id-Direttiva ma tirreferix b'mod espliċitu għall-użu u għall-preżentazzjoni ta' evidenza diġitali fi proċedimenti għall-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Matul l-evalwazzjoni ġie enfasizzat li l-evidenza mhix faċli li tinżamm f'forma diġitali u li l-immaġni tal-kontenut ta' paġna fuq il-web f'ċertu waqt (l-hekk imsejħa "ritratti tal-iskrin") f'ċerti sitwazzjonijiet ma jiġux aċċettati bħala evidenza mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti f'ċerti Stati Membri. Madankollu, l-użu tar-ritratti tal-iskrin huwa wieħed mill-aktar modi komuni kif jintwera li twettqet ċerta attività fl-ambjent online. Fil-prattika, ritratt tal-iskrin jista', pereżempju, juri karatteristika tad-distribuzzjoni online ta' oġġett kontraventorju, peress li l-kontenut ta' paġna fuq il-web jista' juri x'tip ta' oġġett kien disponibbli għall-bejgħ, mingħand min, f'liema territorju u għal liema udjenza kien immirat. B'hekk, dawn jistgħu jgħinu lid-detenturi tad-drittijiet biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv f'kuntest online wkoll. Bl-istess mod, il-konvenuti jistgħu jagħżlu li jiddependu fuq ritratti tal-iskrin biex jikkontestaw allegazzjonijiet ta' mġiba kontraventorja.

F'ċerti Stati Membri[100], il-prattika attwali tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti hija li jilqgħu r-ritratti tal-iskrin bħala evidenza, dment li dawn ikunu ttieħdu minn nutar jew minn uffiċjal ġudizzjarju u li dawn jindikaw l-oġġetti jew is-servizzi li allegatament huma kontraventorji b'mod viżibbli u preċiż biżżejjed. Fid-dawl tan-nuqqas ta' kwalunkwe regola espliċita f'dan ir-rigward, fil-fehma tal-Kummissjoni, l-IPRED ma jistax jingħad li bilfors jeżiġi prattika bħal din. Madankollu, fil-fehma tagħha, b'mod ġenerali dan l-approċċ huwa kompatibbli mal-IPRED. Jista' jitqies bħala l-aħjar prattika, peress li jista' jkun mod tajjeb kif jiġu indirizzati l-ħtiġijiet imsemmija aktar 'il fuq tal-partijiet filwaqt li jiġi żgurat li teżisti biżżejjed ċertezza rigward il-preċiżjoni u l-affidabilità tal-evidenza li fuq il-bażi tagħha l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha tiddeċiedi l-każ.

Il-possibbiltà li teżisti fil-liġijiet nazzjonali ta' ċerti Stati Membri li jippermettu li ritratti tal-iskrin jintlaqgħu bħala evidenza fi proċedimenti legali miftuħa skont l-IPRED, dment li dawn ikunu jindikaw l-allegati oġġetti jew servizzi kontraventorji b'mod viżibbli u preċiż biżżejjed u jikkonformaw ma' ċerti salvagwardji proċedurali, fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn jistgħu jitqiesu bħala l-aħjar prattika. Skont is-sistemi legali nazzjonali, salvagwardji bħal dawn jistgħu jinkludu pereżempju l-obbligu li evidenzi bħal dawn jittieħdu minn nutar jew minn uffiċjal ġudizzjarju.

# V. L-IŻGURAR TAD-DIMENSJONI TAS-SUQ UNIKU GĦALL-INFURZAR TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI

## 1. Il-kjarifika ta' liema drittijiet huma koperti mid-Direttiva

L-IPRED tikkonċerna il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji neċessarji biex tassigura l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwal[101] (l-Artikolu 1). Id-Direttiva tapplika għal kwalunkwe

[100] Eż. il-Belġju, Franza, il-Polonja.

[101] Skont l-Artikolu 1 tagħha, għall-finijiet tad-Direttiva, it-terminu "drittijiet tal-proprjetà intellettwali" jinkludi drittijiet ta' proprjetà industrijali.

ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif previst mil-liġi tal-Unjoni u/jew mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, għalkemm id-Direttiva ma taffettwax il-mezzi li huma jew li jistgħu jiġu previsti fil-leġiżlazzjoni tal-UE jew nazzjonali, sa fejn dawk il-mezzi jistgħu jkunu aktar favorevoli għad-detenturi tad-drittijiet (l-Artikolu 2(1))[102]. L-IPRED tapplika mingħajr ma taffettwa d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-infurzar tad-drittijiet u l-eċċezzjonijiet li jinsabu fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur (l-Artikolu 2(2)). Ma taffettwax id-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta personali jew id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-Artikoli 12 sa 15 ta' dik id-Direttiva (l-Artikolu 2(3) tal-IPRED).

***Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti mid-Direttiva***

Filwaqt li d-Direttiva ma tipprovdix lista tad-drittijiet speċifiċi li huma meqjusa bħala drittijiet tal-proprjetà intellettwali għall-finijiet tagħha, il-Premessa 13 tispjega li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jenħtieġ li jiġi ddefinit bl-usa' mod possibbli biex jiġu koperti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kollha li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE f'dan il-qasam u/jew taħt il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

Fl-2005, il-Kummissjoni ħarġet Stqarrija li mhix legalment vinkolanti[103] dwar l-Artikolu 2 tad-Direttiva biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tagħha. F'din id-Dikjarazzjoni l-Kummissjoni indikat li mill-inqas id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li ġejjin huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva:

- id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur,
- id-dritt sui generis ta' kreatur ta' bażijiet tad-dejta,
- id-drittijiet tal-kreatur tat-topografiji ta' prodott semikunduttur,
- id-drittijiet tat-trademark,
- id-drittijiet tad-disinn,
- id-drittijiet tal-privattivi, inklużi d-drittijiet li ġejjin minnċertifikat supplimentari ta' protezzjoni,
- l-indikazzjonijiet ġeografiċi,
- id-drittijiet ta' mudell ta' utilità,
- id-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti,
- l-ismijiet kummerċjali, sakemm dawn ikunu protetti mid-drittijiet tal-proprjetà esklussiva fil-liġi nazzjonali kkonċernata.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati fid-Direttiva jenħtieġ li xorta waħda jkunu disponibbli fil-proċedimenti ta' ksur dwar kwalunkwe wieħed mid-drittijiet elenkati fl-Istqarrija tagħha tal-2005.

***Ir-rabta mad-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali***

Madankollu, għad hemm xi inċertezzi, b'mod partikolari fir-rigward ta' drittijiet oħra protetti skont il-liġi nazzjonali, bħall-ismijiet tad-dominju, is-sigrieti kummerċjali u atti oħra spiss koperti mil-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni inġusta (eż. kopji parassitiċi). Filwaqt li skont il-Premessa 13 tal-IPRED l-Istati Membri jistgħu jestendu, għal finijiet interni, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal atti ta' kompetizzjoni inġusta, inklużi l-kopji parassitiċi jew attivitajiet simili, dawn mhumiex obbligati jagħmlu dan. Mill-valutazzjonijiet li saru

[102] Ara C-367/15, *OTK*, il-punt 23: "*Id-Direttiva 2004/48 tistabbilixxi standard minimu għar-rispett tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jipprevedu miżuri iktar protettivi*".

[103] Stqarrija mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali (2005/295/KE), ĠU L 94, 13.4.2005, p. 37–37.

s'issa[104] jidher li l-ebda Stat Membru ma ddeċieda li jestendi id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal tali atti.

L-adozzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali[105] fl-2016 ġabet magħha ċerta kjarifika dwar l-atti koperti s'issa mil-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni inġusta. Id-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali tindika li jenħtieġ li din ma taffettwax l-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi rilevanti oħra f'oqsma oħra, inkluż id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u li meta l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jikkoinċidi mal-IPRED[106] jenħtieġ li din titqies bħala *lex specialis*. Għaldaqstant, ladarba titlesta t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali[107], kull min iġarrab il-konsegwenzi ta' atti li jistgħu jiġu interpretati bħala akkwiżizzjoni, użu jew divulgazzjoni illegali ta' sigrieti kummerċjali, kif iddefinit f'dik id-Direttiva, l-ewwel nett se jkun f'pożizzjoni li jibbenefika mill-miżuri, mill-proċeduri u mir-rimedji stabbiliti fid-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali. Minkejja dan, għall-atti kollha ta' kompetizzjoni inġusta rregolati fil-livell nazzjonali li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali, se japplikaw ir-regoli ġenerali; id-dispożizzjonijiet tal-IPRED se jkunu applikabbli biss jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li jestendi l-applikazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Premessa 13 tal-IPRED.

Għas-sigrieti kummerċjali, id-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali tapplika bħala *lex specialis* fir-rigward tal-IPRED.

Għall-atti kollha ta' kompetizzjoni inġusta rregolati mil-liġi nazzjonali li ma jikkonċernawx il-ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali fi ħdan it-tifsira tal-IPRED, u ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali, id-dispożizzjonijiet tal-IPRED japplikaw biss meta Stat Membru jiddeċiedi li jestendi, għal skopijiet interni, dawk id-dispożizzjonijiet għall-atti inkwistjoni.

## 2. Proċedimenti li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Fl-Artikolu 2(1) tagħha, id-Direttiva tirreferi b'mod speċifiku għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. F'dan il-kuntest, issemmiet il-possibbiltà li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw id-Direttiva fi proċedimenti mmirati lejn l-invalidazzjoni tad-drittijiet.

Il-QtĠ iċċarat[108] li filwaqt li d-Direttiva tapplika għall-proċedimenti li għandhom l-għan li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, din ma tapplikax għal proċedimenti ta' invalidazzjoni, fejn persuna li ma tkunx is-sid ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, tikkontesta l-protezzjoni mogħtija lis-sid tad-drittijiet korrispondenti.

Barra minn hekk, il-QtĠ iddikjarat[109] li d-Direttiva ma tapplikax għal proċedimenti li fihom dawk responsabbli għall-ħlas tal-kumpens ġust jiftħu kawża quddiem il-qorti ta' riferiment

[104] B'mod partikolari, ir-Rapport mill-Kummissjoni *"L-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali"* (KUMM(2010)0779 finali); *"Support study for the ex-post evaluation and ex-ante impact analysis of the IPR enforcement directive (IPRED)"*, Technopolis Group f'konsorzju ma' EY u Schalast Rechtsanwälte, 2017.

[105] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom, ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1.

[106] Il-Premessa 39 tad-Direttiva dwar is-Sigrieti Kummerċjali.

[107] L-Istati Membri għandhom jittrasponu dik id-Direttiva sad-9 ta' Ġunju 2018.

[108] Is-Sentenza tal-QtĠ (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Novembru 2012, C-180/11, *Bericap Záródástechnikai Bt. v Plastinnova 2000 Kft*, UE:C:2012:717, il-punti 79-81.

[109] Is-Sentenza tal-QtĠ (Ir-Raba' Awla) tal-10 ta' April 2014, C-435/12, *ACI Adam BV u Oħrajn v Stichting de Thuiskopie u Stichting Onderhandelingen Thuiskopie vergoeding*, EU:C:2014:254, il-punt 63.

għal deċiżjoni kontra l-korp responsabbli għall-ġbir ta' dik ir-remunerazzjoni u għad-distribuzzjoni tagħha lid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur, li jiddefendi dik l-azzjoni.

Il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti fl-IPRED ma jistgħux jiġu invokati fi proċedimenti għall-invalidazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u lanqas fi proċedimenti li jinvolvu kawża għall-ħlas ta' kumpens ġust lid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur miftuħa kontra l-korp responsabbli għall-ġbir u għad-distribuzzjoni ta' tali remunerazzjoni.

### 3. Intitolament għall-applikazzjoni ta' miżuri, proċeduri u rimedji

L-Artikolu 4 tad-Direttiva jindika li, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri jridu jirrikonoxxu lil dawn li ġejjin bħala persuni intitolati li japplikaw għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji previsti fid-Direttiva: (i) id-detenturi ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, (ii) il-persuni l-oħra kollha li huma awtorizzati jużaw dawk id-drittijiet, b'mod partikolari d-detenturi ta' liċenzja, (iii) il-korpi tal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u (iv) l-korpi professjonali tad-difiża.

***Id-detenturi ta' liċenzja***

L-Artikolu 4(b) tad-Direttiva jindika li l-persuni li huma awtorizzati jużaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari d-detenturi ta' liċenzja, sa fejn permess mid-dispożizzjonijiet tad-dritt applikabbli u f'konformità ma' dawn, huma intitolati li jitolbu l-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji stabbiliti fid-Direttiva. Madankollu, kien hemm dubju dwar jekk detentur ta' liċenzja huwiex intitolat ukoll li jitlob l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri jekk, minkejja li jikseb liċenzja mingħand detentur tad-drittijiet, id-detentur ta' liċenzja, fejn rilevanti, ma jkunx irreġistra tali liċenzja f'reġistru xieraq.

Il-QtĠ iċċarat[110] li f'każ ta' liċenzji maħruġa għal disinn Komunitarju rreġistrat ("RCD") jew trademark tal-Unjoni Ewropea ("EUTM"), id-detentur ta' liċenzja jista' jiftaħ proċedimenti skont ir-Regolamenti inkwistjoni li jallegaw ksur tal-RCD/EUTM li jkunu s-suġġett tal-liċenzja, anki jekk dik il-liċenzja ma tkunx iddaħħlet fir-Reġistru tad-disinni Komunitarji jew fir-Reġistru tat-trademarks tal-UE rispettivament, u li jenħtieġ li dan id-detentur ta' liċenzja jkollu l-possibbiltà li japplika għal mandati.

Filwaqt li dawn is-sentenzi jistgħu jitqiesu bħala indikazzjonijiet li l-istess japplika fir-rigward tal-Artikolu 4(b) tal-IPRED, dan se jiddependi mid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat li għalihom dawk id-dispożizzjonijiet jirreferu b'mod espliċitu biex tiġi ddeterminata l-pożizzjoni legali tal-persuni inkwistjoni skont id-Direttiva.

Filwaqt li fil-ġurisprudenza relatata mar-Regolamenti tal-UE dwar id-disinni u t-trademarks, il-QtĠ iddikjarat li d-detenturi ta' liċenzji għandhom il-pożizzjoni legali biex japplikaw għal mandati anki mingħajr reġistrazzjoni minn qabel. Għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali l-oħrajn, f'konformità mal-Artikolu 4(b) tal-IPRED, dawn il-kwistjonijiet jiddependu mil-liġi nazzjonali.

***Il-korpi tal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet u l-korpi professjonali tad-difiża***

L-Artikolu 4(c) u (d) jistabbilixxi li l-korpi tal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet tal-PI u l-korpi professjonali tad-difiża, rispettivament, rikonoxxuti b'mod regolari bħala li għandhom id-dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet, huma intitolati li jfittxu l-applikazzjoni tal-mezzi ta' infurzar ċivili prevista mid-Direttiva "*safejn huwa permess u skond id-*

[110] Is-Sentenza tal-QtĠ (Is-Seba' Awla) tal-4 ta' Frar 2016, C-163/15, *Youssef Hassan v Breiding Vertriebsgesellschaft mbH*, UE:C:2016:71, il-punt 26; Is-Sentenza tal-QtĠ (Is-Seba' Awla) tat-22 ta' Ġunju 2016, C-419/15, *Thomas Philipps GmbH & Co. KG v Grüne Welle Vertriebs GmbH*, UE:C:2016:468, il-punt 25.

*dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli*"[111]. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni tal-abbiltà tal-korpi kollettivi li jiftħu proċedimenti tvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri.

Filwaqt li t-test użat f'dawn id-dispożizzjonijiet jindika li l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni f'dan ir-rigward, diversi Stati Membri jipprevedu l-possibbiltà li dawn il-korpi jingħataw il-pożizzjoni legali biex jiftħu proċedimenti f'isem il-membri tagħhom, meta l-iskop tagħhom ikun li jiddefendu d-drittijiet tal-membri tagħhom u l-każ jitqies li huwa ta' interess għal dawk il-membri[112]. Il-Kummissjoni tinnota li dan il-metodu jidher li ġeneralment itejjeb il-possibbiltà li jiġu infurzati d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali b'mod effettiv, b'mod partikolari għaliex dawn il-korpi f'ċerti każijiet jistgħu jkunu f'pożizzjoni aħjar u attrezzati aħjar (f'termini ta' aċċess għal informazzjoni, għarfien espert, riżorsi umani, pożizzjoni finanzjarja, eċċ.) mid-detenturi ta' drittijiet infushom biex effettivament jiftħu proċedimenti legali b'mod effettiv biex jiġi indirizzat il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fejn ikun hemm bżonn, b'mod partikolari meta d-detenturi ta' drittijiet ikunu SMEs[113].

Diversi Stati Membri ddeċidew li jużaw il-possibbiltà, stabbilita fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 4 tal-IPRED, biex jintitolaw lill-korpi tal-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet u lill-korpi professjonali tad-difiża li huma rikonoxxuti b'mod regolari, bħala li għandhom id-dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet fit-talba tagħhom għall-applikazzjoni tal-miżuri, tal-proċeduri u tar-rimedji previsti fl-IPRED. Dan ġeneralment itejjeb l-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u, għalhekk, jista' jitqies bħala l-aħjar prattika.

## 4. Preżunzjoni li persuna hija l-awtur jew is-sid

L-Artikolu 5 tad-Direttiva jistabbilixxi preżunzjoni konfutabbli li persuna hija l-awtur jew is-sid favur il-persuna (l-awtur jew id-detentur tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur) li isimha jidher fuq ix-xogħol jew fuq materjal protett bil-mod tas-soltu. Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiffaċilita l-possibbiltajiet ta' infurzar ta' dawn il-persuni, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li jista' jkun diffiċli li tiġi pprovduta prova li persuna hija l-awtur jew is-sid, speċjalment meta jkunu involuti diversi xogħlijiet.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom grad ta' diskrezzjoni meta japplikaw l-Artikolu 5, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dettaljati dwar meta u kif għandha tiġi pprovduta l-prova neċessarja għall-konfutazzjoni ta' din il-preżunzjoni, peress li din id-dispożizzjoni ma fiha ebda regola espliċita f'dan ir-rigward. Madankollu, din tinnota wkoll li dawn ir-regoli dettaljati u l-mod li bih huma applikati ma jistgħux ikunu tali li li jitfgħu dubju fuq l-effikaċja tal-Artikolu 5.

Il-preżunzjoni konfutabbli li persuna hija l-awtur jew is-sid prevista fl-Artikolu 5 tal-IPRED jenħtieġ li tiġi interpretata u applikata b'tali mod li jiġi ssalvagwardjat l-objettiv tagħha li tiffaċilita l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali rilevanti minn awturi u minn detenturi tad-drittijiet b'rabta mad-drittijiet tal-awtur.

## 5. Id-disponibbiltà ta' ċerti miżuri speċifiċi

### *L-evidenza*

---

[111] L-istess frażi ġiet inkluża fl-Artikolu 4(b) tal-IPRED.

[112] Jeżistu dispożizzjonijiet ta' dan it-tip fi Franza, fil-Belġju, fil-Portugall u fin-Netherlands.

[113] Skont il-feedback ġenerali riċevut mingħand il-partijiet ikkonċernati. Ara wkoll *"Support study for the ex-post evaluation and ex-ante impact analysis of the IPR enforcement directive (IPRED)"*, Technopolis Group f'konsorzju ma' EY u ma' Schalast Rechtsanwälte, 2017, p. 88-89.

L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva jimponu obbligi fuq l-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm mezzi effettivi għall-preżentazzjoni u għall-preservazzjoni tal-evidenza. L-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li jiggarantixxu li l-informazzjoni meħtieġa għad-determinazzjoni ta' jekk seħħx xi ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u jekk iva, x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan, anki jekk l-applikant ma jkunx fil-pussess ta' din l-informazzjoni, titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-applikant u tal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Madankollu, jenħtieġ li dawn il-proċeduri jieħdu f'kunsiderazzjoni d-drittijiet tal-konvenut u jipprovdu l-garanziji neċessarji, inklużi l-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u l-protezzjoni tad-dejta personali u tal-ħajja privata[114].

L-Artikolu 7(1) jippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jordnaw, wara li jagħmlu applikazzjoni sostanzjata, miżuri proviżorji rapidi u effettivi biex jippreservaw l-evidenza tal-allegat ksur. Id-dritt ta' preservazzjoni tal-evidenza jiġi applikat b'mod espliċitu qabel ma jibdew il-proċedimenti dwar il-merti, soġġett għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali u dment li fil-liġi nazzjonali jiġu pprovduti s-salvagwardji u l-garanziji fakultattivi (kif imsemmija fl-Artikolu 7(2)) biex jiġu evitati abbużi potenzjali. Dan ifisser, b'mod partikolari, li l-applikant jista' jippreżenta talba xierqa permezz ta' proċedimenti preliminari, u f'ċerti każijiet permezz ta' proċedimenti *ex-parte*[115].

| |
|---|
| F'ċerti Stati Membri jibqa' diffiċli li ssir applikazzjoni għal miżuri kawtelatorji proviżorji bħal dawn qabel ma jkunu effettivament bdew il-proċedimenti dwar il-merti tal-każ[116]. Madankollu, it-test tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva jindika li jenħtieġ li talbiet għal tali miżuri ma jiġux miċħuda sempliċiment għaliex għadhom ma tnedewx il-proċedimenti dwar il-merti. |

***Id-dritt għall-informazzjoni***

Il-fehmiet espressi fil-konsultazzjoni pubblika indikaw inċertezza dwar jekk id-dritt għall-informazzjoni tal-Artikolu 8 tal-IPRED jistax jiġi eżerċitat qabel ma jinħareġ kwalunkwe ġudizzju dwar il-merti tal-każ li jikkonċerna ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[117]. L-Artikolu 8(1) jindika li ordni ta' dritt għall-informazzjoni tista' tinħareġ "*fil-kuntest tal-passi legali li jikkonċernaw il-kontravvenzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali*". Madankollu, dan ma jindikax, bħalma huwa l-każ, eż. fl-Artikolu 7(1), li din l-ordni tista' tinħareġ "*anke qabel ma jibdew il-proċeduri fuq il-merti tal-każ*", u lanqas ma jgħid b'mod speċifiku li din tista' tinħareġ qabel ma jiġu konklużi l-proċedimenti dwar il-merti. Bħala riżultat ta' dan, f'ċerti Stati Membri diffiċli tinkiseb ordni ta' dritt għall-informazzjoni qabel id-deċiżjoni finali fil-proċedimenti dwar il-merti.

Dan l-aħħar il-QtĠ iċċarat[118] li l-formulazzjoni użata fl-Artikolu 8(1) ma timplikax li d-dritt għall-informazzjoni jrid bilfors jiġi eżerċitat fl-istess proċedimenti legali bħall-proċedimenti rigward ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. B'mod partikolari, din sabet li d-dritt għall-informazzjoni jista' jiġi invokat meta wara t-terminazzjoni definittiva tal-proċedimenti li fihom ġie ddikjarat ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-applikant fi proċedimenti separati u sussegwenti jitlob il-forniment ta' informazzjoni dwar l-oriġini u dwar in-netwerks tad-distribuzzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi li bihom sar ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali bl-għan li tinfetaħ kawża għad-danni.

---

[114] Il-Premessa 20 tal-IPRED.

[115] Ara t-Taqsima "Possibilities and merits of a protective brief", p. 15.

[116] CSWD – Evalwazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE, p. 13.

[117] Konsultazzjoni dwar l-evalwazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas legali ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, p. 22.

[118] Is-Sentenza tal-QtĠ (Id-Disa' Awla) tat-18 ta' Jannar 2017, C-427/15, *NEW WAVE CZ, a.s. v ALLTOYS*, UE:C:2017:18, il-punt 27.

Filwaqt li l-approċċ ivarja bejn l-Istati Membri, jistgħu jiġu identifikati wħud mill-aħjar prattiki. Pereżempju, fil-Ġermanja, l-Att dwar it-Trademarks jipprevedi[119] li f'każijiet ta' ksur ċar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni, l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni jista' jiġi ordnat permezz ta' mandat preliminari f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Ċivili.

L-ispeċifikazzjoni fl-Artikolu 8 tal-IPRED li ordni tad-dritt għall-informazzjoni hija disponibbli "fil-kuntest ta'" proċedimenti li jikkonċernaw ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tfisser li l-forniment ta' informazzjoni mhux bilfors irid ikun ordnat f'dawk l-istess proċedimenti legali. Dan jista' jiġi ordnat fi proċedimenti separati sussegwenti miftuħa bl-għan li tinbeda kawża possibbli għad-danni. Skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt nazzjonali, jista' jiġi ordnat fi stadju aktar bikri wkoll, permezz ta' mandat preliminari.

***Miżuri korrettivi***

L-Artikolu 10 tad-Direttiva jiddikjara li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw is-sejħa lura mill-kanali tal-kummerċ ta' oġġetti li jkunu nstabu li qed jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali, u f'każijiet xierqa anki materjali u strumenti użati primarjament fil-ħolqien jew fil-manifattura ta' dawn l-oġġetti. Barra minn hekk, tista' tiġi ordnata t-tneħħija definittiva tagħhom mill-kanali tal-kummerċ jew il-qerda tagħhom. Tali miżuri għandhom jitwettqu bl-ispejjeż għall-kontraventur.

L-Artikolu 10 tad-Direttiva huwa bbażat fuq l-Artikolu 46 tal-Ftehim TRIPS. L-Artikolu 10(3) tal-IPRED jistabbilixxi, bħal fit-tielet sentenza tal-Artikolu 46 tal-Ftehim TRIPS, li meta tiġi kkunsidrata talba għal miżuri korrettivi, hemm bżonn li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa ta' proporzjonalità bejn is-serjetà tal-ksur u r-rimedji ordnati u l-interessi tal-partijiet terzi. Barra minn hekk, skont is-sentenza segwenti tal-Artikolu 46, fir-rigward tal-oġġetti bit-trademark iffalsifikati, is-sempliċi tneħħija tat-trademark imwaħħla b'mod illegali mhix biżżejjed biex l-oġġetti jingħataw il-permess għar-rilaxx fil-kanali tal-kummerċ, ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Mill-ġurisprudenza tal-QtĠ jirriżulta f'dan ir-rigward[120] li l-Artikolu 10 tad-Direttiva għandu jiġi interpretat u applikat, sa fejn possibbli, fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni tal-Ftehim TRIPS.

Ta' min jinnota wkoll li, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet dwar id-danni (l-Artikolu 13), l-Artikolu 10 ma jeħtieġx b'mod espliċitu li kontraventur ikun involut b'mod konsapevoli, jew b'motivazzjonijiet raġonevoli biex ikun konsapevoli, f'attività ta' ksur, biex jiġu imposti l-miżuri inkwistjoni.

Jeħtieġ li l-Artikolu 10 tad-Direttiva jiġi interpretat u applikat, sa fejn possibbli, fid-dawl tal-Artikolu 46 tal-Ftehim TRIPS. Skont dik l-aħħar dispożizzjoni, is-sempliċi tneħħija tat-trademark imwaħħla b'mod illegali ma' oġġetti bi trademark iffalsifikati mhix biżżejjed biex l-oġġetti jingħataw il-permess għar-rilaxx fil-kanali tal-kummerċ, ħlief f'każijiet eċċezzjonali.

## 6. Dimensjoni transfruntiera

[119] Il-paragrafi 2 u 7 tat-Taqsima 19 tal-Att tal-Ġermanja dwar it-Trademarks.

[120] Ara eż. is-Sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Ġunju 1998, C-53/96, *Hermès International v FHT Marketing Choice BV*, UE:C:1998:292, il-punt 28; C-275/06, *Promusicae*, il-punt 60.

L-IPRED ma għandhiex fil-mira tagħha li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, għall-ġuriżdizzjoni, jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, u lanqas ma għandha l-għan li tittratta l-liġi applikabbli. Hemm strumenti legali oħra tal-UE li jirregolaw kwistjonijiet bħal dawn f'termini ġenerali u li, fil-prinċipju, huma applikabbli bl-istess mod għall-proprjetà intellettwali u għal-litigazzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[121].

Fir-rigward ta' dawn l-istrumenti legali l-oħra tal-UE, fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri trid tiġi ddeterminata f'konformità mar-Regolament Brussell I[122]. Dak ir-Regolament jirregola r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-qrati madwar l-UE kollha. Ir-regoli dwar il-liġi applikabbli fir-rigward ta' obbligi mhux kuntrattwali, li spiss ikunu s-suġġett tal-proċedimenti ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, huma pprovduti mir-Regolament Ruma II[123].

***Il-qrati kompetenti, b'mod partikolari għall-mandati***

Ħafna kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkollhom dimensjoni transnazzjonali. Konsegwentement, il-litigazzjoni dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari dak imwettaq f'ambjent online, tista' sseħħ b'mod simultanju f'diversi Stati Memmbri. Dan jista' jkun ta' sfida għad-detenturi tad-drittijiet, b'mod partikolari biex jiddeterminaw il-qorti nazzjonali kompetenti u l-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe mandat imfittex.

Ta' min jinnota li r-Regolament Brussell I fih diversi kjarifiki dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati biex joħorġu miżuri proviżorji f'kawżi transfruntiera. Il-Premessa 25 tar-Regolament tinkludi b'mod speċifiku referenza għall-IPRED, li tiċċara li l-kunċett ta' "miżuri proviżorji, inklużi dawk kawtolatorji", skont it-tifsira ta', fost l-oħrajn, l-Artikolu 35 tar-Regolament[124] inklużi, pereżempju, ordnijiet kawtelatorji mmirati lejn il-kisba ta' informazzjoni jew il-preservazzjoni ta' evidenza kif imsemmi fl-Artikoli 6 u 7 tal-IPRED.

Skont ir-Regolament Brussell I, bħala regoli ġenerali, id-detenturi tad-drittijiet, għandhom jieħdu passi kontra l-kontraventuri tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali quddiem il-qorti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-allegat kontravenur (Artikolu 4). Madankollu, fi kwistjonijiet relatati ma' delitt jew kważi delitt, dawn jistgħu jagħmlu dan ukoll quddiem il-qorti tal-Istat Membru tal-post fejn seħħ jew jista' jseħħ id-dannu (Artikolu 7(2)).

Barra minn hekk, ir-Regolament Brussell I jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jittieħdu passi kontra kontraventur allegat li jkun wieħed minn għadd ta' konvenuti fil-qorti tal-Istat Membru fejn ikun domiċiljat kwalunkwe wieħed minnhom, dment li t-talbiet ikunu tant marbuta mill-qrib ma' xulxin li jkun prattiku li dawn jinstemgħu flimkien u jiġu ddeterminati flimkien biex jiġu evitati sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati (Artikolu 8(1)). Il-QtĠ iċċarat[125], fil-kuntest ta' kawża dwar ksur tad-drittijiet tal-awtur, li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mhix prekluża biss għaliex azzjonijiet kontra diversi konvenuti għal ksur tad-drittijiet tal-awtur sostanzjalment identiċi jinfetħu fuq il-bażi ta' motivi legali nazzjonali li jvarjaw skont l-Istati Membri kkonċernati.

---

[121] Il-Premessa 11 tal-IPRED.

[122] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

[123] Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40–49.

[124] L-Artikolu 35 tar-Regolament Brussell I jiddikjara dan li ġej: "Tista' ssir talba lill-qrati ta' Stat Membru għal miżuri proviżorji bħal dawn, inklużi miżuri kawtolatorji, previsti mil-liġi ta' dak l-Istat Membru, anki jekk, il-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom il-ġurisdizzjoni rigward is-sustanza tal-kwistjoni."

[125] Ordni tal-Qorti (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Marzu 2013, Kawża C-145/10 REC., *Eva-Maria Painer* vs *Standard VerlagsGmbH* u Oħrajn, ECLI:UE:C:2013:138, p. 72-84.

***Rikonixximent u infurzar tas-sentenzi***

F'konformità mar-Regolament Brussell I (Artikolu 39) kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn qorti ta' Stat Membru li tkun infurzabbli f'dak l-Istat Membru hija direttament infurzabbli fi Stati Membri oħra wkoll, mingħajr ma tkun meħtieġa ebda dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà (jiġifieri abolizzjoni ta' *exequatur*).

Il-QtĠ iddikjarat li l-kunċett ta' "kwistjonijiet ċivili u kummerċjali" skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tar-Regolament Brussell I irid jiġi interpretat bħala wieħed li jfisser li dan ir-Regolament japplika għar-rikonoxximent u għall-infurzar ta' deċiżjoni ta' qorti nazzjonali li tinkludi ordni li trid titħallas multa biex tiġi żgurata l-konformità ma' sentenza mogħtija fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[126].

| |
|---|
| Kwistjonijiet relatati mal-ġurisdizzjoni tal-qrati, mar-rikonoxximent u mal-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qrati u mad-dritt applikabbli li jirriżultaw fil-kuntest ta' litigazzjoni relatata mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandhom jiġu deċiżi f'konformità mal-istrumenti legali tal-UE li jirregolaw dawn il-kwistjonijiet, b'mod partikolari r-Regolamenti Brussell I u Ruma II.<br><br>Ir-Regolament Brussell I, b'mod partikolari, fih ċerti kjarifiki li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni tal-qrati fir-rigward tal-applikazzjoni ta' miżuri proviżorji fuq il-bażi tal-Artikoli 6 u 7 tal-IPRED f'kawżi transfruntiera, kif ukoll regoli speċifiċi dwar il-possibbiltà li jittieħdu passi kontra persuna li tkun fost diversi konvenuti. |

## VI. IL-PASSI LI JMISS

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri kollha tal-UE, mal-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti u ma' partijiet oħra involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fi proċedimenti quddiem dawk l-awtoritajiet biex tiżgura li l-qafas legali tal-UE, u b'mod partikolari l-IPRED, jibqgħu idonei u se tkompli tibni fuq il-gwida spjegata f'dan id-dokument.

| |
|---|
| Kif ħabbret fil-Komunikazzjoni "*Sistema bbilanċjata ta' infurzar tal-Proprjetà Intellettwali li twieġeb għall-isfidi tas-soċjetà tal-lum*", minbarra l-gwida u l-aħjar prattiki stipulati aktar 'il fuq, il-Kummissjoni, b'mod partikolari:<br><br>- se taħdem mal-esperti nazzjonali u mal-imħallfin tal-Istati Membri fuq linji gwida ulterjuri u aktar immirati, biex tagħti gwida dettaljata u prattika dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-IPRED, abbażi tal-esperjenza tal-aħjar prattiki;<br><br>- se ttella' online l-gwida u l-aħjar prattiki msemmijin hawn fuq, fost l-oħrajn permezz tal-portal L-Ewropa Tiegħek. |

[126] C-406/09 *Realchemie.*

<u>Appendiċi</u> – Lista ta' sentenzi rilevanti tal-QtĠ

1. Is-Sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Ġunju 1998, C-53/96, *Hermès International v FHT Marketing Choice BV*, UE:C:1998:292, 61996CJ0053
2. Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tad-29 ta' Jannar 2008, C-275/06, *Productores de Música de España (Promusicae) v Telefónica de España SAU*, UE:C:2008:54, 62006CA0275 / 62006CJ0275
3. Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-14 ta' Frar 2008, C-450/06, *Varec SA v L-Istat tal-Belġju*, UE:C:2008:91, 62006CA0450
4. Ordni tal-QtĠ (It-Tmien Awla) tad-19 ta' Frar 2009, C-557/07, *LSG-Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten GmbH* vs *Tele2 Telecommunication GmbH*, UE:C:2009:107, 62007CB0557
5. Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tat-12 ta' Lulju 2011, C-324/09, *L'Oréal SA u Oħrajn v eBay International AG u Oħrajn*, UE:C:2011:474, 62009CJ0324
6. Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tat-18 ta' Ottubru 2011, C-406/09, *Realchemie Nederland BV v Bayer CropScience AG.*, UE:C:2011:668, 62009CJ0406
7. Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-24 ta' Novembru 2011, C-70/10, *Scarlet Extended SA v Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM)*, UE:C:2011:771, 62010CJ0070
8. Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla), is-16 ta' Frar 2012, C-360/10, *Belgische Vereniging van Auteurs, Componisten en Uitgevers CVBA (SABAM) v Netlog NV*, UE:C:2012:85, 62010CJ0360
9. Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tad-19 ta' April 2012, C-461/10, *Bonnier Audio AB u Oħrajn v Perfect Communication Sweden AB* UE:C:2012:219, 62010CJ0461
10. Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Novembru 2012, C-180/11, *Bericap Záródástechnikai Bt. v Plastinnova 2000 Kft.*, UE:C:2012:717, 62011CJ0180.
11. Ordni tal-Qorti (It-Tielet Awla) tas-7 ta' Marzu 2013, il-Kawża C-145/10 REC., *Eva-Maria Painer* vs *Standard VerlagsGmbH* u Oħrajn, ECLI:UE:C:2013:138, 62010CO0145.
12. Is-Sentenza tal-QtĠ (Ir-Raba' Awla), is-27 ta' Marzu 2014, C-314/12, *UPC Telekabel Wien GmbH v Constantin Film Verleih GmbH u Wega Filmproduktionsgesellschaft mbH*, UE:C:2014:192, 62012CJ0314
13. Is-Sentenza tal-Qorti (Ir-Raba' Awla), l-10 ta' April 2014, C-435/12, *ACI Adam BV u Oħrajn v Stichting de Thuiskopie u Stichting Onderhandelingen Thuiskopie vergoeding*, UE:C:2014:254, 62012CJ0435
14. Is-Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 3 ta' Settembru 2014, C-201/13, *Johan Deckmyn u Vrijheidsfonds VZW v Helena Vandersteen u Oħrajn*, UE:C:2014:2132, 62013CA0201
15. Is-Sentenza tal-QtĠ (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Lulju 2015, C-580/13, *Coty Germany GmbH v Stadtsparkasse Magdeburg*, UE:C:2015:485, 62013CJ0580
16. Is-Sentenza tal-QtĠ (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Lulju 2015, C-681/13, *Diageo Brands BV v Simiramida-04 EOOD*, UE:C:2015:471, 62013CJ0681
17. Is-Sentenza tal-Qorti (Is-Seba' Awla) tal-4 ta' Frar 2016, C-163/15, *Youssef Hassan v Breiding Vertriebsgesellschaft mbH*, UE:C:2016:71
18. Is-Sentenza tal-Qorti (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Marzu 2016, C-99/15, *Christian Liffers v Producciones Mandarina SL u Mediaset España Comunicación SA, anciennement Gestevisión Telecinco SA*, UE:C:2016:173, 62015CJ0099
19. Is-Sentenza tal-QtĠ (Is-Seba' Awla) tat-22 ta' Ġunju 2016, C-419/15, *Thomas Philipps GmbH & Co. KG v Grüne Welle Vertriebs GmbH* UE:C:2016:468

20. Is-Sentenza tal-QtĠ (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Lulju 2016, C-494/15, *Tommy Hilfiger Licensing LLC u Oħrajn v DELTA CENTER a.s.*, UE:C:2016:528, 62015CJ0494

21. Is-Sentenza tal-Qorti (Il-Ħames Awla) tat-28 ta' Lulju 2016, C-57/15, *United Video Properties Inc. v Telenet NV*, UE:C:2016:611, 62015CJ0057

22. Is-Sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Settembru 2016, C-484/14, *Tobias Mc Fadden v Sony Music Entertainment Germany GmbH*, UE:C:2016:689

23. Is-Sentenza tal-QtĠ (Id-Disa' Awla) tat-18 ta' Jannar 2017, C-427/15, *NEW WAVE CZ, a.s. v ALLTOYS, spol. s r. o.*, UE:C:2017:18

24. Is-Sentenza tal-Qorti (Il-Ħames Awla) tal-25 ta' Jannar 2017, C-367/15, *Stowarzyszenie "Oławska Telewizja Kablowa" w Oławie v Stowarzyszenie Filmowców Polskich w Warszawie*, UE:C:2017:36, 62015CN0367

Pendenti:

C-644/16 *Synthon* – Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (in-Netherlands) fil-15 ta' Diċembru 2016, *Synthon BV* vs *Astellas Pharma Inc.* (Artikolu 6 tal-IPRED)

C-149/17 *Bastei Lübbe* – Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht München I (il-Ġermanja) fl-24 ta' Marzu 2017, *Bastei Lübbe GmbH & Co. KG* vs *Michael Strotzer* (Artikolu 3(2) tal-IPRED)

C-521/17 *SNB-REACT* – Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tallinna Ringkonnakohus (l-Estonja) fl-1 ta' Settembru 2017